

**Brussell, 18 ta' Lulju 2022
(OR. en)**

11408/22

**JAI 1044
FREMP 157
AG 91
POLGEN 111**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPRez, Direttur
data meta waslet:	14 ta' Lulju 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 500 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Ir-Rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt Is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 500 final.

Mehmuż: COM(2022) 500 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Il-Lussemburgu, 13.7.2022
COM(2022) 500 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Ir-Rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt

Is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea

{SWD(2022) 501 final} - {SWD(2022) 502 final} - {SWD(2022) 503 final} -
{SWD(2022) 504 final} - {SWD(2022) 505 final} - {SWD(2022) 506 final} -
{SWD(2022) 507 final} - {SWD(2022) 508 final} - {SWD(2022) 509 final} -
{SWD(2022) 510 final} - {SWD(2022) 511 final} - {SWD(2022) 512 final} -
{SWD(2022) 513 final} - {SWD(2022) 514 final} - {SWD(2022) 515 final} -
{SWD(2022) 516 final} - {SWD(2022) 517 final} - {SWD(2022) 518 final} -
{SWD(2022) 519 final} - {SWD(2022) 520 final} - {SWD(2022) 521 final} -
{SWD(2022) 522 final} - {SWD(2022) 523 final} - {SWD(2022) 524 final} -
{SWD(2022) 525 final} - {SWD(2022) 526 final} - {SWD(2022) 527 final}

1. INTRODUZZJONI

L-Unjoni Ewropea hija Unjoni ta' valuri: id-drittijiet fundamentali, id-demokrazija, l-istat tad-dritt. Dan huwa l-pedament tas-soċjetà tagħna u tal-identità komuni tagħna¹. Problemi tal-istat tad-dritt fi Stat Membru wieħed jaffettwaw l-ordni ġuridiku u l-funzjonament tal-UE kollha kemm hi. L-istat tad-dritt huwa ta' benefiċċju għal kulħadd fl-UE u huwa ċar li ċ-ċittadini f'kull Stat Membru jappoġġaw bis-sħiħ il-prinċipji tal-istat tad-dritt².

F'dawn l-aħħar snin, rajna sfidi għall-istat tad-dritt li qegħdin jikbru kemm hawnhekk fl-UE kif ukoll globalment. Il-pandemija tal-COVID-19 ittestjat ir-reżiljenza tas-sistemi nazzjonali fiż-żamma tal-istat tad-dritt fi żminijiet ta' kriżi, billi xeħtet pressjoni fuq is-sistemi kostituzzjonali stabbiliti ta' kontrokontrolli u fuq il-kapaċità tal-istituzzjonijiet demokratiċi u tal-gwardjani tagħhom li jagħmlu xogħolhom.

L-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna u n-nies tagħha tikkostitwixxi sfida diretta għall-valuri tal-UE u l-ordni dinji bbażat fuq ir-regoli. Hija tikser b'mod serju d-dritt internazzjonali u l-prinċipji tal-Karta tan-NU u timmina d-demokrazija kif ukoll l-istat tad-dritt, minbarra s-sigurtà u l-istabbiltà Ewropea u globali. Is-salvagwardja u ż-żamma tal-istituzzjonijiet u tal-valuri demokratiċi tagħna huma responsabbiltà kondiviża tal-Istati Membri u tal-istituzzjonijiet tal-UE. Dan huwa aktar u aktar importanti issa meta l-UE u l-Istati Membri tagħha huma mhedda minn atturi barranin ostili li jużaw id-diżinformazzjoni u l-attakki ċibernetiċi biex jippruvaw idgħajfu d-demokraziji tagħna.

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi r-rwol partikolari tagħha fit-twettiq ta' din ir-responsabbiltà kondiviża, sew jekk billi tkattar il-bidla, tixpruna l-kooperazzjoni, jew inkella billi tiġbed l-attenzjoni u taġixxi fuq in-nuqqasijiet. Dan ir-rwol jinqeda b'modi differenti permezz tal-istrumenti differenti disponibbli għall-Kummissjoni, iżda l-oġettiv dejjem jibqa' ċar: li tagħmel differenza reali fil-mod kif iċ-ċittadini jħossu l-impatt tal-istat tad-dritt fil-ħajja tagħhom ta' kuljum. Il-Kummissjoni żgurat ukoll li l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tagħti prijorità lill-ixprunar tar-riformi tal-Istati Membri rigward il-ġudikatura, l-oqfsa kontra l-korruzzjoni, l-amministrazzjoni pubblika u d-diġitalizzazzjoni tas-sistemi ġudizzjarji tagħhom bħala rekwiżit essenzjali għal klima tal-investment b'saħħitha.

Matul is-sena li għaddiet, l-istat tad-dritt kien tema prominenti fuq l-aġenda Ewropea, bir-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt li ta kontribut kbir sabiex jinforma d-dibattitu politiku kif ukoll tekniku kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali. Ir-Rapport annwali dwar l-Istat tad-Dritt huwa tabilħaqq ċentrali għall-isforzi tagħna li nħallu impatt prattiku fuq il-promozzjoni u fuq is-salvagwardja tal-istat tad-dritt fl-UE. Billi jqis kif xieraq it-tradizzjonijiet nazzjonali, jiżgura trattament ugwali u jibbaża fuq metodoloġija trasparenti u oġġettiva, ir-rapport ippermetta li jsiru diskussjoni kostruttiva u skambju għani tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri, kemm fil-Kunsill kif ukoll fil-livell tekniku, kif ukoll fil-qafas tad-diskussjonijiet li saru fil-Parlamenti Ewropej u nazzjonali mal-Kummissjoni fuq il-bażi

¹ "L-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi. Dawn il-valuri huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel." (It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 2).

² L-Ewrobarometru 508 dwar il-valuri u l-identità ta' ċittadini tal-UE (2021) juri li 82 % tal-Ewropej jappoġġaw dawn il-prinċipji.

tar-rapport tal-2021. It-tagħlim mill-esperjenza ta' xulxin iħejji aħjar lill-Istati Membri sabiex isibu l-aħjar triq 'il quddiem u sabiex jipprevjenu milli jinqalgħu sfidi għall-istat tad-dritt jew milli daww eżistenti jaggravaw.

Din it-tielet edizzjoni tar-rapport tieħu l-pass li jmiss fl-investiment tal-Kummissjoni fl-istat tad-dritt bħala l-ewwel waħda li tinkludi rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-Istati Membri, kif imħabbar mill-President von der Leyen fid-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni 2021³. B'mod konformi man-natura preventiva tar-rapport, l-oġettiv tar-rakkomandazzjonijiet huwa li l-Istati Membri jingħataw għajjnuna fl-isforzi tagħhom li jipprogressaw bir-riformi ppjanati jew li għaddejjin, biex jinkoraġġixxu żviluppi pożittivi u jgħinuhom jidentifikaw fejn jista' jkun meħtieġ titjib jew segwitu għal bidliet jew riformi reċenti, anki bil-ħsieb li jindirizzaw sfidi sistematiċi f'ċerti każijiet.

Meta fasslet ir-rakkomandazzjonijiet, il-Kummissjoni tat attenzjoni mill-qrib sabiex dawn jinżammu ffokati u ankrati fil-liġi u fl-istandards Ewropej, filwaqt li jirrispettaw ukoll l-ispeċifiċità tal-ordinamenti ġuridiċi nazzjonali. Daqstant importanti huma l-konsistenza u s-sinerġiji ma' proċessi u ma' strumenti oħrajn, bħas-Semestru Ewropew, ir-reġim ġenerali tal-kundizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-UE u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. L-edizzjonijiet sussegwenti tar-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt iħarsu lejn is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet.

Bħal fl-edizzjonijiet ta' qabel, ir-rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt jeżamina l-iżviluppi relatati ma':

- **Is-sistemi tal-ġustizzja** fl-Istati Membri, b'enfasi fuq l-indipendenza, fuq il-kwalità u fuq l-effiċjenza tagħhom. Dawn huma parametri ewlenin li jiżguraw li l-applikazzjoni u l-infurzar tad-dritt tal-UE jkunu effettivi, li l-istat tad-dritt jiġi rrispettat u li tinżamm fiduċja reċiproka. Sistemi tal-ġustizzja li jiffunzjonaw tajjeb u li huma kompletament indipendenti huma kruċjali sabiex jiġi żgurat li l-ġustizzja taħdem għall-benefiċċju taċ-ċittadini u tan-negozji. Huma essenzjali wkoll għall-kooperazzjoni ġudizzjarja fl-UE, kif ukoll għall-funzjonament tas-Suq Uniku u tal-ordni ġuridiku tal-UE kollha kemm hi⁴.
- **L-oqfsa kontra l-korruzzjoni**, li jiffokaw fuq l-effettività tal-politiki nazzjonali kontra l-korruzzjoni u li jivvalutaw l-oqfsa ewlenin differenti ta' azzjoni meħuda mill-Istati Membri għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Oqfsa effettivi kontra l-korruzzjoni kif ukoll trasparenza u integrità fl-eżerċizzju tas-setgħa tal-Istat, isaħħu l-ordinamenti ġuridiċi u l-fiduċja taċ-ċittadini u tan-negozji fl-awtoritajiet pubbliċi.
- **Il-libertà u l-pluraliżmu tal-media**, b'enfasi fuq l-oqfsa ewlenin inkluża l-indipendenza tal-awtoritajiet regolatorji tal-media, it-trasparenza tas-sjieda tal-media, it-trasparenza u l-ġustizzja fl-allokazzjoni tar-reklamar mill-Istat, is-sikurezza tal-ġurnalisti u l-aċċess għall-informazzjoni. Ir-rapport ta' din is-sena jinkludi għall-ewwel darba kopertura sistematika tal-media tas-servizz pubbliku. Ambjent tal-media ħieles u pluralistiku huwa kruċjali għall-istat tad-dritt, għar-responsabbiltà demokratika u għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni. L-importanza ta' media ħielsa u pluralistika wasslet għal diversi inizjattivi reċenti fil-livell tal-UE⁵.

³ [Id-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni 2021.](#)

⁴ It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2022.

⁵ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-iżgurar tal-protezzjoni, tas-sikurezza u tat-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-ġurnalisti u ta' professjonisti oħra fil-media fl-Unjoni Ewropea, C(2021) 6650, 16.9.2021; proposta għal Direttiva dwar il-protezzjoni ta' persuni li jinvolvu ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika minn

- **Kwistjonijiet istituzzjonali relatati mas-sistema ta' kontrokontrolli**, filwaqt li l-enfasi hu fuq oqsma ta' importanza ewlenija għall-istat tad-dritt, bħall-kwalità u l-inklużività tal-proċess leġislativ nazzjonali, ir-rwol tal-Qrati Kostituzzjonali u tal-awtoritajiet indipendenti bħall-Ombudsperson, il-korpi tal-ugwaljanza⁶ u l-Istituzzjonijiet Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem, u r-rwol tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fis-salvagwardja tal-istat tad-dritt. L-impatt li jevolvi tal-pandemija tal-COVID-19 u r-rispons għaliha huma element ieħor inkluż fl-analiżi. Ir-rapport ta' din is-sena jinkludi għall-ewwel darba ħarsa ġenerali lejn l-implimentazzjoni tas-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Ir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt jippreżenta wkoll żviluppi sinifikanti fil-livell tal-UE u, barra minn hekk, għandu jitqies fil-kuntest usa' ta' linji ta' ħidma oħrajn li qegħdin jikkontribwixxu għaż-żamma tal-valuri demokratiċi u tad-drittijiet tal-bniedem kemm fl-Unjoni kif ukoll lil hinn minnha. F'dan ir-rapport qed jiġi mfisser fil-qosor kif il-Kummissjoni tuża għodod ewlenin bħall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità Ġenerali⁷ u t-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE. Il-Kummissjoni ssegwi wkoll ksur meta kwistjonijiet tal-istat tad-dritt jikkostitwixxu ksur tad-dritt tal-Unjoni.

Eżempju ieħor ta' azzjoni komplementari huwa l-ħidma sabiex jiġu promossi d-drittijiet fundamentali: ir-Rapport tal-2022 dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE⁸ se jiffoka fuq l-ispazju ċiviku u r-rwol tiegħu tal-protezzjoni u tal-promozzjoni ta' dawn id-drittijiet. Is-soċjetà ċivili hija sieħeb importanti għall-UE fl-implimentazzjoni tal-politiki tagħha fil-qasam tad-drittijiet fundamentali u bħalissa għaddej dibattitu fil-livell tal-UE dwar kif għandhom jiżdiedu l-appoġġ u l-involviment tagħha fil-livell tal-UE.

L-invażjoni mir-Russja tal-Ukrajna enfasizzat l-importanza tal-valuri demokratiċi, tad-drittijiet tal-bniedem u tal-istat tad-dritt. L-UE għandha rwol partikolari fil-projezzjoni ta' dawn il-valuri madwar id-dinja, bħala alternattiva għall-mudelli awtoritarji li jiksru d-dritt internazzjonali u d-drittijiet tal-bniedem, minbarra li din hija karatteristika ċentrali tal-proċess ta' tkabbir. Il-kredibbiltà tal-politiki esterni tagħna tiddependi fuq l-istat tad-dritt fl-UE nnifisha.

2. ASPETTI EWLENIN TAS-SITWAZZJONI TAL-ISTAT TAD-DRITT FL-ISTATI MEMBRI

Dan ir-Rapport jistabbilixxi temi u xejriet komuni sinifikanti, sfidi speċifiċi u żviluppi pożittivi fl-erba' pilastri. L-eżempji mogħtija li jirriflettu dawn ix-xejriet jirriżultaw mill-

proċedimenti ġudizzjarji manifestament infondati jew abbużivi (“Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika”), COM(2022) 177, 27.4.2022; u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-protezzjoni tal-ġurnalisti u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jinvolvu ruħhom fil-parteċipazzjoni pubblika minn proċedimenti tal-qorti manifestament bla bażi jew abbużivi (“Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika”), C(2022) 2428, 27.4.2022. Il-Kummissjoni qiegħda timplimenta wkoll il-Pjan ta' Azzjoni Medjatiċu u Awdjoviżiv, filwaqt li żżid l-appoġġ ta' finanzjament tal-UE għal proġetti dwar il-libertà u l-pluraliżmu tal-media.

⁶ Fl-2022 il-Kummissjoni se tipproponi miżuri biex issaħħaħ ir-rwol u l-indipendenza tal-korpi tal-ugwaljanza.

⁷ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kundizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni, ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 1.

⁸ Il-pubblikazzjoni skedata għal Diċembru 2022.

valutazzjonijiet li jinsabu fis-27 kapitolu tal-pajjiż, li huma parti integrali minn dan ir-Rapport u jipprovdu l-kuntest dettaljat f'kull Stat Membru⁹. Ir-Rapport fih ukoll rakkomandazzjonijiet speċifiċi lill-Istati Membri¹⁰.

Metodoloġija tar-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu

Il-valutazzjoni li tinsab fil-kapitolu tal-pajjiżi tħejjiet f'konformità mal-kamp ta' applikazzjoni u mal-metodoloġija, kif aġġornata wara diskussjonijiet mal-Istati Membri¹¹. Il-kapitolu tal-pajjiżi jiddependu fuq valutazzjoni kwalitattiva mwettqa b'mod awtonomu mill-Kummissjoni, li tiffoka fuq sinteżi ta' żviluppi sinifikanti minn Lulju 2021 u li tippreżenta kemm l-isfidi kif ukoll l-aspetti pożittivi identifikati fl-Istati Membri. F'kull kapitolu tal-pajjiżi, l-analiżi tiffoka b'mod partikolari fuq suġġetti fejn kien hemm żviluppi sinifikanti, jew fejn ġew identifikati sfidi importanti fir-rapport preċedenti li baqgħu jippersistu matul il-perjodu ta' rapportar.

B'mod konformi man-natura preventiva tar-Rapport, l-oġġettiv tar-rakkomandazzjonijiet huwa li jassisti u jgħin l-Istati Membri fl-isforzi tagħhom li jipprogressaw bir-riformi u jidentifikaw fejn jista' jkun meħtieġ titjib jew segwitu għal bidliet jew riformi reċenti, fuq il-bażi ta' djalogu kontinwu magħhom¹².

Fit-tħejjija tar-rakkomandazzjonijiet inklużi f'dan ir-Rapport, ġew osservati l-prinċipji li ġejjin:

- L-Istati Membri kollha huma soġġetti għal rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi, b'rispett sħiħ tal-prinċipji ta' trattament ugwali u ta' proporzjonalità.
- Ir-rakkomandazzjonijiet huma integrati fir-rapport u huma bbażati fuq valutazzjoni fil-fond fil-kapitolu tal-pajjiżi, bl-applikazzjoni ta' kriterji oġġettivi bbażati fuq id-dritt tal-Unjoni jew fuq standards Ewropej u internazzjonali.
- Ir-rakkomandazzjonijiet huma proporzjonati għall-isfidi identifikati. Huma jħeġġu wkoll li jsiru sforzi pożittivi ta' riforma.
- Ir-rakkomandazzjonijiet huma speċifiċi biżżejjed sabiex jippermettu lill-Istati Membri jagħtu segwitu konkret u azzjonabbli, filwaqt li jitqiesu l-kompetenzi nazzjonali, l-ordinamenti ġuridiċi u l-kuntest istituzzjonali, kif rilevanti.
- Waqt it-tħejjija tar-rakkomandazzjonijiet, il-Kummissjoni tat attenzjoni mill-qrib lill-konsistenza u s-sinerġiji ma' proċessi oħra, bħas-Semestru Ewropej, ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità Ġenerali u l-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza¹³.
- L-edizzjonijiet sussegwenti tar-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt jintegraw is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet.

Ir-Rapport huwa r-riżultat ta' kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u jiddependi fuq

⁹ Il-kapitolu tal-pajjiżi huma disponibbli [hawnhekk](#).

¹⁰ Ir-rakkomandazzjonijiet, li għalihom issir referenza fin-noti f'qiegħ il-paġna f'dan ir-Rapport kollu, huma elenkati fl-Anness u huma inklużi wkoll fil-kapitolu tal-pajjiżi individwali.

¹¹ Il-metodoloġija ġiet aġġornata wara diskussjonijiet mal-Istati Membri, b'mod partikolari biex jiġi speċifikat aħjar l-użu ta' sorsi għall-valutazzjoni u biex titqies l-inklużjoni tar-rakkomandazzjonijiet fir-Rapport. Il-metodoloġija hija disponibbli [hawnhekk](#).

¹² Ir-rakkomandazzjonijiet ma jippreġudikawx kwalunkwe proċediment li l-Kummissjoni tista' tinizja fil-qafas ta' strumenti legali oħra, bħal proċeduri ta' ksur jew ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità Ġenerali.

¹³ Fejn rilevanti jiġu rrappreżentati l-pożizzjonijiet stabbiliti tal-Kummissjoni taħt dawn il-proċessi relatati mal-Istat Membru inkwistjoni qabel ir-rakkomandazzjonijiet.

varjetà ta' sorsi nazzjonali, internazzjonali u sorsi oħra¹⁴. L-Istati Membri kollha ġew mistiedna biex jipparteċipaw fil-proċess, jipprovdu input bil-miktub¹⁵ u jipparteċipaw fi żjarat speċifiċi tal-pajjiżi li saru bejn Frar u April 2022¹⁶. Konsultazzjoni mmirata mal-partijiet ikkonċernati pprovdiet ukoll kontributi siewja orizzontali u speċifiċi għall-pajjiż¹⁷. Il-Kunsill tal-Ewropa pprova wkoll ħarsa ġenerali tal-opinjoni u r-rapporti reċenti tiegħu dwar l-Istati Membri tal-UE¹⁸. Qabel l-adozzjoni ta' dan ir-rapport, l-Istati Membri ngħataw l-opportunità li jipprovdu aġġornamenti fattwali fil-kapitolu tal-pajjiż tagħhom.

2.1 Sistemi tal-ġustizzja

L-indipendenza, il-kwalità u l-effiċjenza huma parametri essenzjali ta' sistema tal-ġustizzja effettiva. Sistemi tal-ġustizzja effettivi huma kruċjali għall-applikazzjoni u għall-infurzar tad-dritt tal-Unjoni u għaż-żamma tal-istat tad-dritt. L-indipendenza ġudizzjarja hija vitali għall-ġustizzja tal-proċedimenti ġudizzjarji. Huwa rekwiżit li jirriżulta mill-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, li jissema fl-Artikolu 19 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), u mid-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal, imnaqqax fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE¹⁹. Imħallfin u qrati indipendenti jggarantixxu li jkunu protetti d-drittijiet tal-individwi li jidderivaw mid-dritt tal-UE u li jkunu ssalvagwardjati l-valuri komuni għall-Istati Membri stabbiliti fl-Artikolu 2 TUE, b'mod partikolari l-valur tal-istat tad-dritt²⁰. Meta jirrifurmaw is-sistemi tal-ġustizzja tagħhom, l-Istati Membri jridu jirrispettaw bis-sħiħ ir-rekwiżiti stabbiliti mid-dritt tal-UE u l-ġurisprudenza tal-QĠUE²¹.

Perċezzjoni tal-indipendenza ġudizzjarja fl-UE

Il-perċezzjoni tal-indipendenza fost il-kumpaniji tjiebet f'madwar żewġ terzi tal-Istati Membri meta mqabbla mal-2021, skont it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE 2022 u l-istħarriġ tal-Ewrobarometru li sar fl-2022²². Madankollu, fost il-pubbliku ġenerali, l-istħarriġiet indikaw tnaqqis fil-perċezzjoni tal-indipendenza ġudizzjarja f'aktar minn nofs l-Istati Membri. Ftit li xejn kien hemm tibdil fil-perċezzjonijiet relattivi bejn l-Istati Membri. Fil-Finlandja, fid-Danimarka, fl-Awstrija, fil-Lussemburgu, fin-Netherlands u fil-Ġermanja, il-livell ta' indipendenza perċepita għadu partikolarment għoli fost il-pubbliku ġenerali (aktar minn 75 %), filwaqt li fis-Slovakkja, fil-Polonja u fil-Kroazja, għadu baxx ħafna (anqas minn 30 %).

¹⁴ Is-sorsi tar-Rapport annwali dwar l-Istat tad-Dritt jinkludu b'mod partikolari input bil-miktub mingħand l-Istati Membri, kontributi bil-miktub riċevuti matul il-konsultazzjoni mmirata mal-partijiet ikkonċernati u informazzjoni mfassla minn organizzazzjonijiet internazzjonali jew riċevuta mingħand l-awtoritajiet nazzjonali u mill-partijiet ikkonċernati waqt iż-żjarat tal-pajjiżi. Is-sorsi jidħlu fil-valutazzjoni tal-Kummissjoni u, bħala tali, ma jirrappreżentawx il-pożizzjoni tal-Kummissjoni.

¹⁵ [Ir-Rapport tal-2022 dwar l-istat tad-dritt — input mill-Istati Membri](#)

¹⁶ Informazzjoni dwar iż-żjarat tal-pajjiżi tista' tinstab fil-kapitolu tal-pajjiżi. Matul dawn iż-żjarat tal-pajjiżi, il-Kummissjoni ddiskutiet mal-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri, inklużi l-awtoritajiet ġudizzjarji u indipendenti, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, kif ukoll mal-partijiet ikkonċernati, bħall-assoċjazzjonijiet tal-ġurnalisti u s-soċjetà ċivili.

¹⁷ Il-konsultazzjoni saret bejn Diċembru 2021 u Jannar 2022. [Ir-rapport dwar l-istat tad-dritt 2022 - konsultazzjoni mmirata mal-partijiet ikkonċernati](#).

¹⁸ [Ir-Rapport tal-2022 dwar l-istat tad-dritt — kontribut mill-Kunsill tal-Ewropa](#).

¹⁹ [Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE](#).

²⁰ Is-sentenza tal-QĠUE tal-24 ta' Ġunju 2019, *Il-Kummissjoni vs Il-Polonja*, C-619/18, ECLI:EU:C:2019:531, il-punti 44 u 58.

²¹ Referenza għas-sentenzi ewlenin mill-aħħar rapport tista' tinstab fit-Taqsima 4.

²² Il-Figuri 50 u 52, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE 2022.

Il-Kunsilli għall-Ġudikatura u l-proċeduri għall-ħatriet ġudizzjarji bħala salvagwardji importanti għall-indipendenza ġudizzjarja

Il-Kunsilli għall-Ġudikatura jistgħu jkunu salvagwardji partikolarment importanti għall-indipendenza ġudizzjarja, kif rikonossut fil-ġurisprudenza tal-QĠUE²³. Jistgħu jaġixxu bħala lqugħ bejn il-ġudikatura u l-fergħat l-oħrajn ta' setgħa fi kwistjonijiet bħall-ħatra u l-karriera tal-imħallfin jew tal-maġistrati, kif ukoll ir-rwol tagħhom fil-ġestjoni tas-sistema tal-ġustizzja. Fil-qafas tal-Kunsill tal-Ewropa ġew żviluppatti standards Ewropej importanti dwar kif il-Kunsilli għall-Ġudikatura għandhom jiġu stabbiliti għall-aħjar salvagwardja tal-indipendenza tagħhom, inkluż fir-rigward tal-kompożizzjoni tagħhom²⁴. Il-Kunsilli għall-Ġudikatura jeħtieġu wkoll riżorsi adegwati sabiex jiffunzjonaw b'mod effettiv u jissodisfaw il-mandati tagħhom.

F'numru ta' Stati Membri tnedew sforzi leġiżlattivi sabiex tissaħħaħ l-indipendenza tal-kunsilli ġudizzjarji. Fil-[Lussemburgu](#), ġew ippreżentati emendi leġiżlattivi sabiex il-kompożizzjoni tal-Kunsill futur għall-Ġudikatura tiġi allinjata mal-istandards Ewropej. Dawn jispeċifikaw il-kompetenzi tal-Kunsill għall-Ġudikatura rigward il-ġestjoni tal-karrieri tal-maġistrati, u jintroduċu reġim dixxiplinari ġdid. Fil-[Kroazja](#), emendi reċenti jsaħħu r-rwol taż-żewġ Kunsilli fl-għażla tal-imħallfin u tal-avukati tal-Istat. Fl-[Italja](#), reċentement ġiet adottata liġi ġdida għar-riforma tas-sistema tal-ġustizzja, li tipprevedi l-istabbiliment u l-funzjonament tal-Kunsill Għoli għall-Ġudikatura, inkluż il-mod kif jiġu eletti l-membri tiegħu. F'[Ċipru](#), il-Parlament reċentement ivvota favur riformi relatati mal-kompożizzjoni tal-Kunsill għall-Ġudikatura. Fin-[Netherlands](#), huma previsti bidliet possibbli fil-kompożizzjoni u fil-ħatra tal-Kunsill għall-Ġudikatura. Fl-[Iżvezja](#), mill-2020 Kumitat ta' Inkjesta msawwar mill-partiti kollha beda jeżamina kif tista' tissaħħaħ l-indipendenza tal-ġudikatura u huwa mistenni jlesti r-rapport tiegħu sa Frar 2023.

L-iżviluppi rigward il-Kunsilli nazzjonali għall-Ġudikatura huma tema ewlenija f'diversi Stati Membri. Fi [Spanja](#), għad hemm tħassib dwar id-dewmien fit-tiġdid tal-Kunsill għall-Ġudikatura u kien saru appelli ulterjuri sabiex tiġi mmodifikata s-sistema tal-ħatra tal-Kunsill. Fil-[Bulgarija](#), hemm tħassib dejjem akbar relatat mal-funzjonament tal-Kunsill Ġudizzjarju Suprem u ħtieġa li tiġi indirizzata l-kompożizzjoni tiegħu. Fl-[Irlanda](#), il-kompożizzjoni proposta tal-Kummissjoni prevista għall-Ħatriet Ġudizzjarji tqajjem xi tħassib. Fis-[Slovakkja](#), il-Kunsill Ġudizzjarju ħa kompiti ġodda wara r-riforma Kostituzzjonali, filwaqt li għad hemm tħassib dwar ir-reġim għat-tneħħija tal-membri tiegħu. Fil-[Portugall](#), il-finalizzazzjoni tal-qafas leġiżlattiv għall-Kunsill Għoli għall-Qrati Amministrattivi u tat-Taxxa ilha pendenti mill-2004 u ttieħdu miżuri ġodda biex jiġu indirizzati kwistjonijiet rigward l-allokazzjoni tal-kawżi fil-qrati²⁵.

Fi Stati Membri oħrajn, ma ġiex indirizzat tħassib strutturali jew sistemiku. Fil-[Polonja](#), tħassib serju dwar l-indipendenza tal-kunsill nazzjonali għall-ġudikatura għadu ma ġiex indirizzat, minkejja li tqajjem f'numru ta' deċiżjonijiet tal-QĠUE u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, li kkonfermaw it-tħassib identifikat mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-proċedura skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE. Dan it-tħassib huwa rifless ukoll fir-rakkomandazzjoni usa' speċifika għall-pajjiż tas-Semestru Ewropew għas-salvagwardja tal-

²³ Il-QĠUE rikonossiet li Kunsill għall-Ġudikatura jista' jikkostitwixxi salvagwardja għall-indipendenza ġudizzjarja dment li tali korp ikun indipendenti biżżejjed mis-setgħat eżekuttivi u leġiżlattivi u mill-korp li lili jkun qed jissottometti opinjoni. Ara pereżempju s-sentenza tat-2 ta' Marzu 2021, *AB et (Il-ħatra ta' mħallfin fil-Qorti Suprema – Azzjonijiet)*, C-824/18, il-punti 123-125, u l-ġurisprudenza ċċitata.

²⁴ Ara b'mod partikolari r-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2010)12 tal-Kunsill tal-Ewropa.

²⁵ Ir-rakkomandazzjonijiet jikkonċernaw BG, IE, ES, IT, CY, LU, PT, SK, SE.

indipendenza ġudizzjarja. Fl-[Ungerija](#), il-Kunsill Ġudizzjarju Nazzjonali għadu qed jiffaċċja sfidi biex jikkontrobalanċja s-setgħat tal-Uffiċċju Nazzjonali għall-President tal-Ġudikatura rigward il-ġestjoni tal-qrati, u r-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż li tissaħħaħ l-indipendenza ġudizzjarja, magħmula fis-Semestru Ewropew, kif ukoll it-tfassib relatat espress fil-kuntest tal-proċedura skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE, għadhom ma ġewx indirizzati²⁶.

Il-metodu għall-ħatra tal-imħallfin jista' jkollu impatt ewlieni fuq l-indipendenza ġudizzjarja u fuq il-perċezzjoni pubblika tal-indipendenza. Kif ġie stabbilit mill-QĠUE, sabiex tiġi ggarantita l-indipendenza ġudizzjarja, il-kundizzjonijiet sostantivi u r-regoli proċedurali li jirregolaw il-ħatriet ġudizzjarji jridu jkunu suffiċjenti biex jipprevjenu dubbji raġonevoli dwar l-impermeabbiltà tal-imħallfin ikkonċernati għal fatturi esterni u dwar in-newtralità tagħhom bħala mħallfin²⁷.

Mill-aħħar rapport, xi Stati Membri bdew itejbu l-proċeduri ta' ħatra ġudizzjarja. Fl-[Irlanda](#), l-abbozz ta' liġi l-ġdid dwar il-ħatriet ġudizzjarji jillimita d-diskrezzjoni tal-Gvern fil-proċedura. Fil-[Kroazja](#), ġie konkluż il-proċess għall-ħatra tal-President tal-Qorti Suprema, u l-proċedura li tirregola l-proċedura tal-għażla ġiet emendata sabiex jiġi evitat il-potenzjal ta' proċess imwaħħal fil-futur. Fiċ-[Ċekja](#), il-leġiżlazzjoni emendata għandha l-għan li tistabbilixxi sistema trasparenti u uniformi ta' reklu-taġġ u ta' għażla tal-imħallfin u tal-presidenti tal-qrati. F'[Ċipru](#), il-Parlament ivvota reċentement dwar ir-riforma tal-proċeduri tal-ħatra għall-imħallfin u l-Presidenti tal-Qorti Kostituzzjonali Suprema u tal-Qorti Għolja ġodda proposti. Fin-[Netherlands](#), qeġhdin jiġu kkunsidrati diversi bidliet sabiex tissaħħaħ aktar l-indipendenza ġudizzjarja, inkluż fir-rigward tal-ħatra tal-imħallfin tal-Qorti Suprema.

Fi Stati Membri oħrajn li ħadu passi sabiex itejbu dawn il-proċeduri, għad hemm sfidi, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħatra fi qrati oġhla u għall-karigi tal-President tal-qorti. F'[Malta](#), filwaqt li ttieħdu passi sabiex titneħħa l-politika mill-ħatra tal-Prim Imħallef, għad ma hemm l-ebda involviment tal-ġudikatura. Fil-[Greċja](#), għad hemm tħassib dwar il-proċedura tal-ħatra għall-aktar karigi għoljin ta' mħallfin u ta' prosekuturi, inkluż in-nuqqas ta' involviment ġudizzjarju fil-proċess tal-għażla. Fl-[Awstrija](#) tħabbret riforma tal-proċedura tal-ħatra għall-President u għall-Viċi President tal-Qorti Suprema biex tindirizza n-nuqqas ta' involviment ġudizzjarju fil-proċedura, imma għad hemm tħassib dwar l-involviment limitat tal-ġudikatura fil-ħatriet tal-presidenti u tal-viċi presidenti fil-qrati amministrattivi²⁸.

Il-proċeduri tal-ħatra għal karigi ġudizzjarji ta' livell għoli għadhom kwistjoni importanti. Fil-[Litwanja](#), il-ħatra tal-President tal-Qorti Suprema ilha pendenti minn Settembru 2019, peress li l-liġi ma tippredix skadenzi għall-proċedura tal-għażla rispettiva u tagħti diskrezzjoni lill-President tar-Repubblika fir-rigward taż-żmien tal-proċeduri tal-għażla għall-Qorti Suprema. Fil-[Latvja](#), ir-rifjut mill-Parlament ta' kandidat għall-kariga ta' mħallef tal-Qorti Suprema kien ikkaratterizzat minn tilwim rigward influwenza politika indebita

²⁶ Ir-rakkomandazzjonijiet jikkonċernaw lil HU.

²⁷ Ara l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, is-sentenza tat-2 ta' Marzu 2021, *AB et (Il-ħatra ta' mħallfin fil-Qorti Suprema — Azzjonijiet)*, C-824/18, il-punti 117, 119, 123 u l-ġurisprudenza ċċitata. Il-parteeċipazzjoni ta' korpi indipendenti, bħall-kunsilli għall-ġudikatura, fil-proċess tal-ħatra ġudizzjarja tista', fil-prinċipju, tkun tali li tikkontribwixxi sabiex dak il-proċess isir aktar oġġettiv, dment li tali korp ikun huwa nnifsu indipendenti biżżejjed mil-leġiżlatura u mill-eżekuttiv (ara s-sentenzi tal-15 ta' Lulju 2021, *Il-Kummissjoni vs Il-Polonja*, C-791/19, il-punti 98-108; tal-20 ta' April 2021, *Repubblika vs Il-Prim Ministru*, C-896/19, il-punt 66; tat-2 ta' Marzu 2021, *AB et (Il-ħatra ta' mħallfin fil-Qorti Suprema — Azzjonijiet)*, C-824/18, il-punti 66, 124 u 125; u tad-19 ta' Novembru 2019, *AK et al*, il-Kawżi magħquda C-585/18, C-624/18 u C-625/18, il-punti 137 u 138).

²⁸ Ir-rakkomandazzjonijiet jikkonċernaw EL, CY, MT, AT.

possibbli. Fil-[Polonja](#), ħatriet speċifiċi għall-Qorti Suprema kienu soġġetti għal sentenzi importanti tal-QĠUE u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Fl-[Ungerija](#), it-tħassib huwa relatat b'mod partikolari mal-possibbiltà ta' deċiżjonijiet diskrezzjonali fir-rigward ta' ħatriet ġudizzjarji u ta' promozzjonijiet, inkluża l-elezzjoni tal-President tal-Qorti Suprema, l-allokazzjoni tal-kawżi u l-bonusijiet. Fil-[Bulgarija](#), in-nuqqas ta' kompetizzjoni regolari għall-ħatriet ġudizzjarji għal pożizzjonijiet oġhla, flimkien ma' użu estensiv ta' sekondar, joħloq riskji għall-indipendenza tal-ġudikatura²⁹.

L-awtonomija u l-indipendenza tas-servizzi ta' prosekuzzjoni bħala elementi essenzjali għall-funzjonament tajjeb tas-sistema tal-ġustizzja kriminali

Filwaqt li ma hemm l-ebda mudell uniku fl-UE għall-istruttura istituzzjonali għas-servizzi ta' prosekuzzjoni, dejjem huma meħtieġa salvagwardji istituzzjonali sabiex jiġi żgurat li l-prosekuzzjoni tkun awtonoma biżżejjed u tkun tista' twettaq investigazzjonijiet effettivi u imparzjali u tressaq kawżi quddiem il-Qorti ħielsa minn pressjoni politika. Dan mhuwiex biss essenzjali għal-liġi kriminali nazzjonali u tal-UE imma anki għal ħafna kwistjonijiet importanti oħra bħall-protezzjoni tal-interess finanzjarju tal-UE u l-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda fl-ambjent diġitali.

Diversi Stati Membri bdew riformi sabiex isaħħu l-indipendenza tas-servizz ta' prosekuzzjoni tagħhom. Fl-[Awstrija](#), il-ħidma preparatorja tkompli għal riforma tas-servizz ta' prosekuzzjoni, bl-għan li tissaħħaħ l-indipendenza tiegħu. Ir-riforma li qiegħda titħejja fi-[Ċekja](#) tistabbilixxi mandat fiss għall-Prosekutur Ġenerali u għal kapijiet prosekuturi oħrajn, u tapplika kundizzjonijiet ċari għat-tneħħija tagħhom. Fil-[Bulgarija](#), il-Gvern impenja ruħu, skont il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza, li jstabbilixxi mekkaniżmu effettiv għall-akkontabbiltà u għar-responsabbiltà kriminali tal-Prosekutur Ġenerali u tad-deputati tiegħu, kif ukoll sħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjonijiet ta' prosekuzzjoni sabiex ma tinfetaħx investigazzjoni. Fi [Spanja](#), ġew adottati emendi legali li għandhom l-għan li jżidu t-trasparenza tar-relazzjonijiet bejn il-Gvern u l-Prosekutur Ġenerali, filwaqt li għad hemm tħassib dwar il-koinċidenza fil-mandat tal-Prosekutur Ġenerali u tal-Gvern. Fis-[Slovakkja](#), il-Ministeru għall-Ġustizzja qed iħejji emenda biex jirrestrinġi s-setgħa tal-Prosekutur Ġenerali li jannulla deċiżjonijiet ta' prosekuzzjoni f'kawżi individwali, wara li tqajjem tħassib dwar deċiżjonijiet biex jingħalqu diversi kawżi ta' korruzzjoni fil-livelli għolja³⁰.

Madankollu, f'xi Stati Membri, jeżisti tħassib dwar l-indipendenza u l-awtonomija tas-servizzi ta' prosekuzzjoni. Fis-[Slovenja](#), tqajjem tħassib dwar l-impatt, fuq il-ħidma indipendenti tal-prosekuturi, tas-setgħat tal-Ministru tal-Intern li jagħti struzzjonijiet lill-pulizija f'kawżijiet individwali. Fil-[Polonja](#), għad hemm tħassib dwar il-funzjonament tas-servizz ta' prosekuzzjoni, bl-uffiċċji tal-Ministru tal-Ġustizzja u tal-Prosekutur Ġenerali okkupati mill-istess persuna. Il-qrati Pollakki indikaw ukoll tħassib li l-prattika ta' sekondar tal-prosekuturi tista' titqies bħala forma ta' dimozzjoni u ta' diskriminazzjoni. Fl-[Ungerija](#) ġew emendati r-regoli dwar it-tneħħija tal-Prosekutur Ġenerali, filwaqt li r-rakkomandazzjoni tal-GRECO biex titneħħa l-possibbiltà li l-Prosekutur Ġenerali jibqa' jżomm il-kariga wara l-iskadenza tal-mandat tiegħu/tagħha għadha ma ġietx indirizzata u n-nuqqas ta' akkontabbiltà għan-nuqqas ta' ftuħ jew għeluq ta' investigazzjonijiet hija kwistjoni ta' tħassib³¹.

²⁹ Ir-rakkomandazzjonijiet jikkonċernaw BG, LV, LT, HU.

³⁰ Ir-rakkomandazzjonijiet jikkonċernaw CZ, ES, AT, SK. Fl-RRP tal-BG huwa inkluż stadju importanti rilevanti.

³¹ Ir-rakkomandazzjonijiet jikkonċernaw lil PL.

Oqfsa dixxiplinari u responsabbiltà għall-imħallfin u għall-prosekuturi

Il-QĠUE kompliet tiżviluppa l-ġurisprudenza tagħha dwar is-salvagwardji essenzjali biex tiżgura li l-qafas dixxiplinari ma jistax jintuża bħala strument għall-kontroll politiku tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji³². Dawn is-salvagwardji jinkludu li jkun hemm regoli ċari li jiddefinixxu l-imġiba li tikkwalifika bħala reat dixxiplinari u s-sanzjonijiet applikabbli. Jeħtieġ li jitwettqu proċedimenti dixxiplinari bl-involvement ta' korp indipendenti u l-proċeduri jridu jissalvagwardjaw bis-sħiħ id-drittijiet stabbiliti fl-Artikoli 47 u 48 tal-Karta, b'mod partikolari d-drittijiet tad-difiża. Finalment, irid ikun hemm regoli li jiżguraw li d-deċiżjonijiet meħuda mill-korpi dixxiplinari jkunu jistgħu jiġu kkontestati fil-qorti³³.

F'xi Stati Membri, għadhom għaddejjin riformi sabiex jiżiedu s-salvagwardji għall-indipendenza ġudizzjarja fi proċedimenti dixxiplinari. Fi [Spanja](#), ġie stabbilit reġim dixxiplinarju ġdid għall-prosekuturi. Fis-[Slovenja](#), qegħdin jitħejjew emendi, fuq inizjattiva tal-ġudikatura, sabiex jittejjeb il-qafas dixxiplinari. Fil-[Belġju](#), ġew introdotti formoli standard għar-rapportar dwar l-azzjoni dixxiplinari fir-rigward tal-imħallfin u tal-prosekuturi, bl-ewwel rapport konsolidat dwar il-proċeduri dixxiplinari li għandu jitħejja mill-Kunsill Għoli għall-Ġustizzja matul l-2022.

Fi Stati Membri oħrajn, baqa' tħassib li l-proċedimenti dixxiplinari jistgħu jintużaw sabiex titrażżan l-indipendenza ġudizzjarja. Fil-pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza tagħha, [il-Polonja](#) impenjat ruħha li twettaq riformi tar-reġim dixxiplinari rigward l-imħallfin, li żżarma l-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema, u li toħloq proċedimenti ta' rieżami għall-imħallfin affettwati mid-deċiżjonijiet ta' dik l-Awla³⁴. Il-pjan għandu l-għan li jsaħħaħ ċerti aspetti tal-indipendenza tal-ġudikatura. Sadanittant, minkejja s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-Awla Dixxiplinari kompliet tiddeċiedi dwar kawżi li jikkonċernaw l-imħallfin, inkluż billi ssospendiethom mill-kariga. Fir-[Rumanija](#), l-applikazzjoni ta' sanzjonijiet dixxiplinari u r-rwol tal-Ispazzjoni Ġudizzjarja komplew jiġġeneraw tħassib, għalkemm l-abbozz ta' leġiżlazzjoni li issa qiegħed jitħejja huwa mistenni jirrifirma r-reġim dixxiplinari. Mekkaniżmi oħrajn ta' responsabbiltà jeħtieġu wkoll salvagwardji. Fil-[Kroazja](#), liġijiet ġodda li jeħtieġu kontrolli perjodiċi ta' sigurtà fuq l-imħallfin u fuq l-avukati tal-Istat imwettqin mill-Aġenzija Nazzjonali tas-Sigurtà qajmu tħassib. Fis-[Slovakkja](#), għad hemm tħassib fir-rigward tar-reġim ta' responsabbiltà kriminali tal-imħallfin għal "abbuż tal-liġi". Fis-[Slovenja](#), ir-regoli li jirregolaw l-inkjesti parlamentari huma nieqsa minn salvagwardji dwar l-indipendenza tal-imħallfin u l-prosekuturi tal-istat³⁵.

Investiment fil-kwalità u fl-effiċjenza tal-ġustizzja

Sistema tal-ġustizzja effiċjenti timmaniġġja l-volum ta' kawżi u n-numru ta' kawżi pendenti tagħha, u tiegħu d-deċiżjonijiet tagħha mingħajr dewmien żejjed. Filwaqt li hemm ħafna differenzi bejn u fl-Istati Membri, skont it-tip ta' proċedimenti (eż. ċivili u kummerċjali, kriminali, amministrattivi) u skont l-istanzi tal-qrati, proċedimenti twal wisq u volumi

³² Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret dan il-prinċipju reċentement f'kawżi li jirreferu għall-awla dixxiplinari tal-Qorti Suprema Pollakka (sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, *Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Polonja*, C-791/19) u għall-Ispazzjoni Ġudizzjarja Rumena (Sentenza tat-18 ta' Mejju 2021, *Asociația 'Forumul Judecătorilor din România' et*, Kawżi magħquda C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-291/19, C-355/19 u C-397/19).

³³ Is-sentenza tal-QĠUE tal-25 ta' Lulju 2018, *LM*, C-216/18 PPU, il-punt 67.

³⁴ F'Ġunju 2022 ġew adottati għadd ta' bidliet leġiżlattivi.

³⁵ Ir-rakkomandazzjonijiet jikkonċernaw HR, PT, RO, SI, SK. Fir-rigward ta' PL, ir-reġim dixxiplinari għall-imħallfin kien is-suġġett ta' proċedimenti ta' ksur. Objettiv intermedju rilevanti huwa inkluż fl-RRP nazzjonali.

sostanzjali ta' kawżi pendenti jimminaw il-fiduċja li ċ-ċittadini u n-negozji jkollhom fis-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali u l-effettività tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni (ara wkoll it-Taqsima 2.2). Riżorsi umani u finanzjarji adegwati huma kundizzjonijiet essenzjali għall-kwalità u għall-effiċjenza tas-sistemi tal-ġustizzja. Għadd ta' Stati Membri rrikonoxxew dan billi allokaw riżorsi addizzjonali biex isaħħu r-reżiljenza tas-sistemi tal-ġustizzja fil-Pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-Irkupru u r-Reżiljenza u bl-investment fid-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja.

L-investment fir-riżorsi umani u finanzjarji u d-diġitalizzazzjoni tas-sistema tal-ġustizzja huma essenzjali sabiex jiġu indirizzati l-isfidi usa' tal-effiċjenza li jeżistu f'numru ta' Stati Membri. Fil-[Kroazja](#), f'[Ċipru](#), f'[Malta](#) u fil-[Portugall](#) qegħdin jittieħdu inizjattivi sabiex jiġu indirizzati l-isfidi dejjiema relatati mal-effiċjenza tas-sistema tal-ġustizzja, inkluż fir-rigward ta' proċeduri twal tal-qorti. Fl-[Italja](#), ġew adottati riformi komprensivi tal-ġustizzja ċivili u kriminali, li għandhom l-għan li jtejbu l-kwalità u l-effiċjenza tas-sistema tal-ġustizzja, inklużi l-kawżi pendenti u t-tul tal-proċedimenti. Fil-[Greċja](#), il-leġiżlazzjoni l-ġdida dwar l-organizzazzjoni tal-qrati u l-istatus tal-imħallfin ġiet adottata reċentement sabiex tindirizza l-isfidi rigward l-effiċjenza u l-kwalità tal-ġustizzja. Fl-[Ungerija](#), daħlet fis-seħħ liġi ġdida dwar il-kumpens pekunarju għad-dewmien fil-proċedimenti ċivili, li tipprevedi kumpens f'każ ta' ksur tad-dritt fundamentali li l-proċedimenti ċivili jitlestew fi ħdan żmien raġonevoli. Fl-[Irlanda](#), ġie propost abbozz ta' liġi li jistabbilixxi skema ta' kumpens għal proċeduri tal-qorti b'tul eċċessiv.

Parti mill-iżgurar tar-reżiljenza fit-tul tas-sistema tal-ġustizzja hija li tiġi żgurata l-attrawenza tal-professjonijiet ġudizzjarji, inkluż permezz ta' remunerazzjoni adegwata, u li jiġi minimizzat in-numru ta' postijiet vakanti miftuħa għall-imħallfin, għall-prosekuturi u għall-persunal tal-qrati. Fil-[Belġju](#), saru sforzi sabiex jiżiedu r-riżorsi allokati għas-sistema tal-ġustizzja. Fil-[Ġermanja](#), tħabbret estensjoni tal-“Patt għall-Istat tad-Dritt”, sabiex jiġu pprovduti riżorsi addizzjonali għall-ġudikatura u għad-diġitalizzazzjoni, iżda għad hemm sfidi aktar fit-tul rigward ir-reklutaġġ u l-livell ta' salarji tal-imħallfin. Fil-[Portugall](#) u fi [Franza](#), il-Gvern qiegħed jieħu passi sabiex jindirizza n-nuqqas ta' riżorsi umani allokati għas-sistema tal-ġustizzja, għalkemm għad hemm sfidi. Fis-[Slovenja](#), il-Gvern naqqas, mingħajr konsultazzjoni mal-awtoritajiet ġudizzjarji, il-baġit miftiehem preċedentement għall-qrati, għall-Kunsill Ġudizzjarju u għall-Prosekuzzjoni tal-Istat, u l-Kunsill Ġudizzjarju fetaħ proċeduri għall-istħarriġ kostituzzjonali tas-salarji tal-imħallfin. Fid-[Danimarka](#), in-nefqa limitata fuq is-sistema tal-ġustizzja bħala perċentwal tal-PDG u l-għadd baxx ta' mħallfin għadu sfida aktar fit-tul, b'mod partikolari bil-ħsieb li jiġi żgurat trattament effiċjenti tal-kawzi³⁶.

L-inizjattivi sabiex titejjeb id-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja għadhom għaddejjin f'ħafna Stati Membri, li spiss jibbażaw fuq l-esperjenza tal-pandemija tal-COVID-19. Huwa importanti li jiġi żgurat li l-għodod diġitali jkunu effettivi fil-prattika. Fil-[Belġju](#), fil-[Bulgarija](#) u f'[Malta](#), għad hemm sfidi, iżda huwa previst titjib fl-RRPs rispettivi. Fl-[Italja](#), id-diġitalizzazzjoni qiegħda tkompli tagħmel progress fil-qrati ċivili, filwaqt li għad hemm sfidi fil-qrati kriminali u fl-uffiċċji tal-prosekuzzjoni. L-Istati Membri fejn qed isiru proġetti biex ikompli jitjeb il-livell tad-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja jinkludu [l-Iżvezja](#), [in-Netherlands](#), [il-Latvja](#), [il-Portugall](#), [l-Estonja](#), [id-Danimarka](#), [l-Awstrija](#), [ir-Rumanija](#), [is-Slovenja](#), [Spanja](#) u [l-Finlandja](#)³⁷.

³⁶ Ir-rakkomandazzjonijiet jikkonċernaw BE, DK, DE, FR, MT.

³⁷ Ir-rakkomandazzjonijiet jikkonċernaw FR, IT, NL, FI.

L-avukati bħala atturi ewlenin għas-sistemi ġudizzjarji bbażati fuq l-istat tad-dritt

L-avukati u l-assoċjazzjonijiet professjonali tagħhom jaqdu rwol fundamentali fit-tiħiħ tal-istat tad-dritt u fl-iżgurar tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, inkluż id-dritt ta' proċess ġust. Xi Stati Membri ħadu passi sabiex jiffaċilitaw l-aċċess għal avukat. Fil-[Latvja](#), il-Qorti Suprema affermat li l-parteċipazzjoni tal-avukati fil-proċeduri tal-qorti hija essenzjali sabiex jiġi żgurat id-dritt għal proċess ġust u ddeċidiet favur id-dritt tal-avukati li jkollhom aċċess għall-informazzjoni sabiex jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom. Fil-[Lussemburgu](#), il-leġiżlazzjoni sabiex l-għajnuna legali ssir aktar aċċessibbli ġiet żviluppata b'mod konġunt mill-Ministeru tal-Ġustizzja u mill-Kamra tal-Avukati. Fil-[Litwanja](#), qiegħda titħejja riforma tas-sistema tal-għajnuna legali. Fl-[Irlanda](#), il-kostijiet għolja ta' litigazzjoni u n-nuqqasijiet fis-sistema tal-għajnuna legali jkomplu jqajmu tħassib, filwaqt li għaddejja ħidma biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi³⁸.

Element essenzjali minnhom tal-libertà tal-eżerċitar tal-professjonijiet legali huwa r-rispett tal-kunfidenzjalità tar-relazzjoni mal-klijenti. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa jagħmluha ċara li kwalunkwe eċċezzjoni għall-prinċipju tas-segretezza trid tkun kompatibbli mal-prinċipji tal-istat tad-dritt. Fil-[Litwanja](#), kwistjonijiet dwar ir-rispett għas-segretezza professjonali tal-avukati huma pendent quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

2.2 Qafas kontra l-korruzzjoni

Il-korruzzjoni hija ta' detriment għall-istat tad-dritt u għall-fiduċja taċ-ċittadini u tan-negozji fl-istituzzjonijiet pubbliċi. Approċċ komprensiv għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni jrid jiddependi fuq taħlita ta' miżuri preventivi u ripressivi. Dan jeħtieġ qafas legali u istituzzjonali robust, kapaċità amministrattiva u ġudizzjarja suffiċjenti, kif ukoll ir-rieda politika ta' infurzar, inklużi investigazzjoni u prosekuzzjoni effettivi. Min-naħa tal-prevenzjoni, miżuri ta' integrità affidabbli u effettivi jinkludu l-prevenzjoni u l-indirizzar tal-kunflitti ta' interess, l-iżgurar tat-trasparenza tal-lobbjar, sistemi ta' divulgazzjoni tal-assi u tal-interessi, protezzjoni effettiva tal-informaturi, kif ukoll it-trasparenza fil-finanzjament tal-partiti politiċi.

Perċezzjonijiet tal-korruzzjoni fl-UE

Ir-riżultati tal-Indiċi dwar il-Perċezzjoni tal-Korruzzjoni³⁹ juru li 10 Stati Membri huma fost l-aqwa 20 pajjiż li jitqiesu bħala l-inqas korrotti fid-dinja, filwaqt li l-punteġġ medju tal-UE huwa tajjeb b'mod globali u tjejb meta mqabbel mas-sena l-oħra⁴⁰. Xi Stati Membri tejbu l-punteġġ tagħhom meta mqabblin mas-snin preċedenti, filwaqt li oħrajn għadhom jiksbu punteġġ ferm aktar baxx mill-Istati Membri l-oħrajn tal-UE.

L-Ewrobarometru tal-2022 dwar il-korruzzjoni⁴¹ juru li l-korruzzjoni għadha ta' tħassib serju għaċ-ċittadini u n-negozji tal-UE. Kważi sebgħa minn kull għaxar Ewropej (68 %) jemmnu li

³⁸ Ir-rakkomandazzjonijiet jikkonċernaw lil IE, LT, LU.

³⁹ Ippubblikat kull sena minn Transparency International: <https://www.transparency.org/en/cpi/2021>

⁴⁰ Bħas-sena li għaddiet, sitt Stati Membri (id-Danimarka, il-Finlandja, l-Iżvezja, in-Netherlands, il-Ġermanja u l-Lussemburgu) għandhom punteġġ ogħla minn 80/100 fuq l-indiċi, u ħames Stati Membri oħra (l-Awstrija, il-Belġju, l-Estonja, l-Irlanda u Franza) għandhom punteġġ ogħla minn 72/100.

⁴¹ L-Ewrobarometru Speċjali 523 dwar il-Korruzzjoni (2022) u l-Ewrobarometru Flash 507 dwar l-attitudnijiet tan-negozji lejn il-korruzzjoni fl-UE (2022). Id-*data* tal-Ewrobarometru dwar l-attitudnijiet tan-negozji lejn il-korruzzjoni kif tiġi aġġornata kull sentejn. Id-*data* tal-Ewrobarometru dwar il-perċezzjoni u l-esperjenza tal-korruzzjoni fost iċ-ċittadini u n-negozji kif irrapportata s-sena l-oħra tiġi aġġornata kull sentejn. Is-settijiet ta' *data* preċedenti huma l-Ewrobarometru Speċjali 502 (2020) u l-Ewrobarometru Flash 482 (2019).

l-korruzzjoni hija mifruxa f'pajjiżhom u aktar minn erbgħa minn kull għaxar Ewropej (41 %) iquisu li l-livell ta' korruzzjoni żdied f'pajjiżhom. Sadanittant, 31 % biss tar-rispondenti huma tal-fehma li l-isforzi tal-gvern tagħhom sabiex jiġġieled il-korruzzjoni huma effettivi. Barra minn hekk, aktar minn sitta minn kull għaxar kumpaniji Ewropej (63 %) iquisu li l-problema tal-korruzzjoni hija mifruxa f'pajjiżhom u l-maġġoranza tal-kumpaniji (51 %) jaħsbu li huwa improbabbli li persuni jew negozji korrotti f'pajjiżhom jinqabdu, jew jiġu rrapportati lill-pulizija jew lill-prosekuturi.

Strateġiji nazzjonali kontra l-korruzzjoni u l-implimentazzjoni tagħhom

L-Istati Membri huma meħtieġa skont id-dritt internazzjonali biex ikollhom politiki effettivi u kkoordinati kontra l-korruzzjoni⁴². L-aktar mod komuni biex dan jiġi ffaċilitat huwa li tiġi stabbilita u implimentata strateġija nazzjonali kontra l-korruzzjoni⁴³. Filwaqt li mhuwiex rekwiżit fih innifsu li jkun hemm tali strateġiji, dawn huma importanti biex l-impenji politiċi jissarrfu f'azzjonijiet konkreti, biex jiġi żgurat li l-lakuni leġislattivi jew istituzzjonali jiġu indirizzati b'mod koerenti, komprensivi u kkoordinati u biex jiġu adattati l-isforzi kontra l-korruzzjoni għal xenarju li qed jevolvi⁴⁴. Kważi l-Istati Membri kollha bħalissa għandhom fis-seħħ strateġiji nazzjonali kontra l-korruzzjoni, li huma jevalwaw u jirrevedu regolarment. Minn Lulju 2021 'l hawn, [il-Kroazja](#), [ir-Rumanija](#), [il-Greċja](#), [il-Litwanja](#) u [Malta](#) rrevedew jew adottaw strateġiji u pjanijiet ta' azzjoni ta' akkumpanjament u [l-Ġermanja](#), [iċ-Ċekja](#), [l-Italja](#) u [l-Latvja](#) bħalissa qegħdin jirrevedu l-istrateġiji rispettivi tagħhom. Il-proċess ta' implimentazzjoni wassal għal proposti importanti ta' riforma f'xi Stati Membri. Fil-[Portugall](#) ġie adottat pakkett leġislattiv bil-għan li jiġġieled u jipprevjeni l-korruzzjoni kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat, u fil-[Finlandja](#) għaddejjin reviżjonijiet tal-leġislazzjoni tad-dritt kriminali għall-għlieda kontra l-korruzzjoni⁴⁵.

It-tisħiħ tal-kapaċità tal-istituzzjonijiet u tal-qafas legali għall-għlieda kontra l-korruzzjoni

L-Istati Membri għandhom leġislazzjoni estensiva fis-seħħ li tipprovdi lis-sistema tal-ġustizzja kriminali tagħhom b'għodod sabiex jiġġieldu kontra l-korruzzjoni. Bosta Stati Membri komplew bl-isforzi tagħhom li jagħlqu l-lakuni leġislattivi u l-oqfsa eżistenti jinġiebu f'konformità mal-istandards internazzjonali kontra l-korruzzjoni⁴⁶ u d-dritt tal-Unjoni⁴⁷. [Il-Polonja](#) żiedet is-sanzjonijiet kriminali għall-korruzzjoni fil-ħajja pubblika u [l-](#)

⁴² Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Korruzzjoni (UNCAC) tobbliga lill-Istati Partijiet, f'konformità mal-prinċipji fundamentali tas-sistemi legali tagħhom, biex jiżviluppaw u jimplimentaw jew iżommu politiki effettivi, ikkoordinati kontra l-korruzzjoni li jippromwovu l-parteċipazzjoni tas-soċjetà u jirriflettu l-prinċipji tal-istat tad-dritt, il-ġestjoni xierqa tal-affarijiet pubbliċi u l-proprjetà pubblika, l-integrità, it-trasparenza u l-akkontabbiltà. L-Istati Membri kollha u l-UE huma partijiet għall-Konvenzjoni.

⁴³ Ara wkoll [The Kuala Lumpur Statement on Anti-Corruption Strategies](#).

⁴⁴ Kif issemma fir-rapport tas-sena li għaddiet, objettivi ċari u li jistgħu jitkejlu, riżorsi adegwati, għajnuna u monitoraġġ iddedikat tal-implimentazzjoni, evalwazzjonijiet regolari u responsabbiltajiet definiti sew għal istituzzjonijiet speċjalizzati, kif ukoll involviment qawwi tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, huma elementi importanti biex tali strateġiji jiġu implimentati b'mod effettiv u jwasslu għal riżultati tanġibbli (COM(2021) 700 final, p. 11).

⁴⁵ Ir-rakkomandazzjonijiet jikkonċernaw LV, LT, PT, SI, FI.

⁴⁶ Primarjament il-Konvenzjoni tal-Liġi Kriminali tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Korruzzjoni u l-Konvenzjoni tal-Liġi Ċivili tiegħu dwar il-Korruzzjoni; il-Konvenzjoni tal-OECD dwar il-Ġlieda Kontra t-Tixħim tal-Uffiċjali Pubbliċi Barranin fit-Tranżazzjonijiet Kummerċjali Internazzjonali; u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Korruzzjoni.

⁴⁷ Il-leġislazzjoni tal-UE b'impatt importanti fuq l-iffaċilitar tal-għlieda kontra l-korruzzjoni tinkludi regoli dwar il-kriminalizzazzjoni tal-korruzzjoni, l-iffriżar tal-assi u l-konfiska, il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE, l-istandards għall-protezzjoni tal-informaturi, regoli riveduti kontra l-ħasil tal-flus, b'mod partikolari bl-

[Greċja](#) saħħet id-definizzjoni ta' tixħim attiv u passiv. Fi Stati Membri oħrajn qegħdin jiġu diskussi riformi tad-dritt penali sostantiv jew tal-proċedura kriminali. [Il-Finlandja](#) qiegħda tippjana li tikkriminalizza l-abbuż mill-influenza, filwaqt li s-[Slovakkja](#) għandha l-għan li twessa' d-definizzjoni ta' tixħim fil-liġi nazzjonali tagħha. [Il-Ġermanja](#) impenjat ruħha li ssaħħaħ is-sanzjonijiet kriminali għat-tixħim mill-membri tal-Parlament. Għad hemm lakuni leġiżlattivi speċifiċi fi Stati Membri oħrajn. Fl-[Iżvezja](#), in-nuqqasijiet fid-definizzjoni legali ta' tixħim barrani wasslu għal prosekuzzjonijiet u sentenzi finali limitati⁴⁸.

Il-ġlieda kontra l-korruzzjoni tiddependi kemm fuq li jkun hemm qafas legali robust kontra l-korruzzjoni kif ukoll fuq l-iżgurar tal-implimentazzjoni effettiva tiegħu. Il-kapaċità tal-infurzar tal-liġi, tal-awtoritajiet ta' prosekuzzjoni u tal-ġudikatura li jinfurzar id-dispożizzjonijiet tad-dritt penali kontra l-korruzzjoni hija essenzjali sabiex tiġi miġġielda b'mod effettiv il-korruzzjoni. Dan jiddependi fuq il-kompetenzi u fuq l-awtonomija tal-korpi responsabbli, u fuq l-ispeċjalizzazzjoni, fuq il-kapaċità analitika u fuq ir-riżorsi tagħhom. L-aċċess għall-informazzjoni rilevanti u l-interkonnessjoni tar-reġistri huwa kruċjali wkoll sabiex dawn l-awtoritajiet ikunu jistgħu jwettqu investigazzjonijiet finanzjarji kumplessi. Sabiex jirnexxu, l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet kontra l-korruzzjoni jiddependu wkoll fuq kooperazzjoni effiċjenti bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u aġenziji oħrajn, bħall-unitajiet tal-intelligence finanzjarja kif ukoll l-awtoritajiet tat-taxxa, tal-awditjar u tal-kompetizzjoni.

F'xi Stati Membri, saru jew qegħdin jiġu kkunsidrati bidliet strutturali u organizzazzjonali bl-għan li tizzied il-kapaċità tal-awtoritajiet kontra l-korruzzjoni. Fid-[Danimarka](#), ġiet stabbilita unità investigattiva nazzjonali ġdida sabiex ittejjeb l-approċċ għall-kriminalità serja, inklużi każijiet kumplessi ta' korruzzjoni. Fil-[Bulgarija](#), huma previsti riformi għar-ristrutturar tal-Kummissjoni Kontra l-Korruzzjoni, filwaqt li tneħħew l-awtoritajiet ġudizzjarji speċjalizzati. Fl-istess ħin, dawn ir-riformi jeħtieġ li jipprijoritizzaw l-investigazzjoni effettiva tal-korruzzjoni, b'mod partikolari fir-rigward ta' każijiet ta' korruzzjoni f'livell għoli⁴⁹.

Ħafna Stati Membri ħadu passi biex iżidu l-kapaċità tal-awtoritajiet tal-prosekuzzjoni responsabbli għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni, pereżempju permezz ta' riżorsi addizzjonali ([L-Irlanda](#), [il-Latvja](#)) jew taħriġ addizzjonali ([l-Estonja](#), [Spanja](#)). Il-limitazzjonijiet tar-riżorsi huma ċċitati mis-servizzi ta' prosekuzzjoni f'ħafna Stati Membri bħala sfida, xi drabi aggravati minn nuqqasijiet addizzjonali. Fir-[Rumanija](#), ir-rekwiżiti ta' anzjanità jitqiesu bħala ostakli għar-reklutaġġ ta' prosekuturi speċjalizzati. Fil-[Lussemburgu](#) u fil-[Portugall](#), in-nuqqas ta' riżorsi deher li wassal għal dewmien fil-prosekuzzjoni ta' każijiet. Fis-[Slovakkja](#), allegazzjonijiet ta' deċiżjonijiet motivati politikament sabiex jinfetħu investigazzjonijiet ta' korruzzjoni jirriskjaw li jnaqqsu l-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi u l-effettività tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni kif ukoll il-fiduċja tal-pubbliku fl-integrità tal-istituzzjonijiet. Fis-[Slovenja](#) tqajjem tħassib dwar l-awtonomija operazzjonali tal-pulizija fl-investigazzjonijiet ta' korruzzjoni⁵⁰.

istabiliment ta' reġistri tas-sidien benefiċjarji tal-kumpaniji, u passi addizzjonali biex jitjieb l-iskambju ta' informazzjoni finanzjarja u biex jitħaffu l-investigazzjonijiet finanzjarji.

⁴⁸ Ir-rakkomandazzjonijiet jikkonċernaw lil FI, SE.

⁴⁹ Ir-rakkomandazzjonijiet jikkonċernaw lil BG.

⁵⁰ Ir-rakkomandazzjonijiet jikkonċernaw lil: CY, IT, FR, LU, RO, SI, SK.

Eliminazzjoni tal-ostakli għall-investigazzjoni kriminali, għall-prosekuzzjoni u għall-applikazzjoni ta' sanzjonijiet dissważivi għall-korruzzjoni

In-nuqqasijiet proċedurali jistgħu jfixxlu serjament l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' każijiet ta' korruzzjoni u jimminaw l-effettività tal-għieda kontra l-korruzzjoni. Eżempji jinkludu dispożizzjonijiet eċċessivament ikkumplikati jew mhux ċari dwar it-tneħħija tal-immunitajiet, u termini preskrittivi qosra, li jistgħu jipprevjenu l-finalizzazzjoni ta' każijiet kumplessi, b'mod partikolari jekk ikkombinati ma' fatturi oħrajn li jikkontribwixxu għal proċedimenti twal. Dawn l-ostakli jistgħu jkunu partikolarment ta' ħsara għal każijiet ta' korruzzjoni fil-livelli għolja u kumplessi u jistgħu joħolqu riskju ta' impunità, li jċaħħdu l-isforzi kontra l-korruzzjoni mill-effetti deterrenti tagħhom.

Xi Stati Membri introduċew miżuri sabiex inaqqsu l-ostakli għal investigazzjoni u għal prosekuzzjoni effettivi. Miżuri ġodda fil-[Portugall](#) ifittxu li jżidu l-effettività tas-sistema ġudizzjarja fit-trattament ta' każijiet ta' korruzzjoni u li jaċċelleraw il-ħidma tal-prosekuzzjoni, inkluż billi jestendu t-terminu preskrittiv għal reati ta' korruzzjoni. Fil-[Litwanja](#), il-qafas leġislativ inbidel biex jippermetti użu usa' tal-għodod diġitali⁵¹.

Tul eċċessiv tal-proċess kriminali f'każijiet ta' korruzzjoni jista' jipprevjeni milli l-każijiet jilħqu konklużjoni f'waqtha, li jxekkel l-istabbiliment ta' rekord robust ta' sentenzi finali. F'[Malta](#), filwaqt li ġew allokati aktar riżorsi għall-investigazzjoni u għall-prosekuzzjoni b'mod ġenerali, l-investigazzjonijiet f'każijiet ta' korruzzjoni fil-livelli għolja għadhom idumu. Ir-riżultati f'termini ta' sentenzi finali għadhom neqsin. Id-dewmien fil-prosekuzzjoni ta' każijiet ta' korruzzjoni fil-livelli għolja tqajjem ukoll fiċ-[Ċekja](#). Fi [Spanja](#), it-tul tal-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet tal-korruzzjoni għadu ta' tħassib, b'mod partikolari fir-rigward ta' każijiet kumplessi ta' korruzzjoni fil-livell għoli⁵².

F'xi Stati Membri, l-immunità għar-reati ta' korruzzjoni għall-membri tal-Gvern kienet kwistjoni li tqajjem tħassib. [Il-Kroazja](#) dan l-aħħar adottat emendi sabiex tneħħi l-immunità tal-membri tal-Gvern għal reati ta' korruzzjoni. Fil-[Polonja](#) jeżisti tħassib dwar l-ambitu wiesa' tal-immunitajiet ta' eżekuttivi għolja li huma wkoll membri tal-Parlament, u dwar dispożizzjonijiet li jagħtu impunità lill-uffiċjali pubbliċi li jwettqu r-reat ta' abbuż tal-uffiċju⁵³.

Xi Stati Membri qed ikomplu jikkonsolidaw ir-rekord tagħhom ta' investigazzjoni, prosekuzzjoni u sanzjonar ta' korruzzjoni f'livell għoli⁵⁴. Fl-[Awstrija](#), l-investigazzjonijiet dwar il-korruzzjoni politika fil-livelli għolja huma soġġetti għal skrutinju mill-qrib, inkluż permezz ta' kumitat ta' investigazzjoni parlamentari. Fir-[Rumanija](#), l-effettività tal-investigazzjoni u tas-sanzjonar tal-korruzzjoni fil-livelli għolja kompliet titjeb, inkluż billi sar progress f'każijiet li kienu ilhom pendenti snin sħaħ għal raġunijiet proċedurali. [Franza](#) rat l-issoktar ta' riżultati tanġibbli f'każijiet ta' korruzzjoni fil-livelli għolja, minkejja sfidi marbutin mar-riżorsi limitati kif ukoll ma' dgħufijiet strutturali.

⁵¹ Fil-kuntest tal-RRP.

⁵² Ir-rakkomandazzjonijiet jikkonċernaw lil: CZ, ES, MT. L-RRP ta' HR fih ukoll stadju importanti dwar it-tnaqqis tax-xogħol u tat-tul tal-proċedimenti.

⁵³ Ir-rakkomandazzjonijiet jikkonċernaw lil PL.

⁵⁴ Kif innotat fir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, in-nuqqas ta' statistika uniformi, aġġornata u konsolidata fl-Istati Membri kollha jagħmilha diffiċli li jiġi traċċat is-suċċess komparattiv tal-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati ta' korruzzjoni. Il-valutazzjoni hija bbażata fuq id-*data* pprovduta mill-Istati Membri.

Fi Stati Membri oħrajn, għad irid jiġi stabbilit rekord sod ta' indirizzar ta' każijiet ta' korruzzjoni fil-livelli għolja, inkluż permezz ta' investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet effiċjenti u permezz tal-applikazzjoni ta' sanzjonijiet dissważivi b'kundanni finali. Fil-[Bulgarija](#), għad hemm nuqqas ta' rekord robust ta' kundanni finali f'każijiet ta' korruzzjoni fil-livelli għolja. Fil-[Greċja](#), sar progress f'numru limitat ta' prosekuzzjonijiet relatati mal-korruzzjoni, għalkemm għad irid isir progress fid-deċiżjonijiet finali. Fl-[Ungerija](#) nfetħu xi proċeduri ġodda minħabba korruzzjoni fil-livelli għolja, madankollu n-nuqqas ta' rekord sod rigward l-investigazzjonijiet, il-prosekuzzjonijiet u s-sentenzi finali b'rabta ma' allegazzjonijiet ta' korruzzjoni dwar uffiċjali fil-livelli għolja u ċ-ċirku immedjat tagħhom għadu jippreżenta tħassib serju⁵⁵.

Tisħiħ tal-prevenzjoni tal-korruzzjoni u tal-qafas ta' integrità

Oqfsa trasparenti u responsabbli ta' governanza u ta' integrità huma kruċjali sabiex tiġi evitata l-korruzzjoni fil-livelli kollha tal-amministrazzjoni pubblika u tal-gvern. L-Istati Membri komplew jieħdu miżuri sabiex isaħħu l-prevenzjoni tal-korruzzjoni u l-oqfsa ta' integrità fis-sena li għaddiet, inkluż sabiex jaġġornaw l-istandards etiċi, jinfurzar aħjar jew jirvedu r-regoli dwar id-divulgazzjoni tal-assi u tal-interessi, l-inkompatibbiltajiet u l-kunflitti ta' interess, isaħħu l-mekkaniżmi ta' kontroll intern, u jirregolaw il-lobbjar u r-revolving doors.

It-trawwim tal-integrità fil-ħajja pubblika u l-prevenzjoni ta' kunflitti ta' interess

Il-kunflitti ta' interess jinħolqu meta uffiċjal pubbliku jkollu interess privat jew professjonali li jista' jinterferixxi mat-twettiq imparzjali u oġġettiv ta' dmirijietu⁵⁶. Sabiex jiġu evitati tali kunflitti ta' interess, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għandhom miżuri fis-seħħ li jkopru firxa wiesgħa ta' uffiċjali pubbliċi eletti u maħturin. Ġew identifikati sfidi f'numru ta' Stati Membri u xi wħud qegħdn jieħdu passi sabiex isaħħu l-oqfsa tagħhom. Fi [Spanja](#), l-Uffiċċju għall-Kunflitti ta' Interess saħħaħ ir-rwol tiegħu fl-għoti ta' gwida etika u fl-attivitajiet ta' taħriġ għall-uffiċjali pubbliċi. Fis-[Slovakkja](#), għandhom għaddejnin diskussjonijiet sabiex jitwaqqaf Uffiċċju għall-Protezzjoni tal-Interess Pubbliku, li jissorvelja l-implimentazzjoni ta' regoli ġodda dwar il-kunflitti ta' interess. F'[Malta](#), ġew aġġornati r-regoli tal-integrità fis-servizz pubbliku, inkluż fi ħdan il-pulizija. Fin-[Netherlands](#), għaddejja ħidma fir-rigward tal-qafas ta' integrità tal-pulizija, filwaqt li qegħdin jiġu stabbiliti strutturi ġodda. Fir-[Rumanija](#), enfasi akbar fuq l-integrità tal-infurzar tal-liġi wasslet għal rezultati pożittivi. Il-[Bulgarija](#) kompliet timplimenta miżuri li għandhom l-għan li jtejbu l-integrità ta' setturi speċifiċi, li jinkludu l-pulizija u l-ġudikatura. Fl-[Irlanda](#), riforma leġiżlattiva pendenti għandha l-għan li ssaħħaħ il-Kummissjoni dwar l-Istandards fl-Uffiċċju Pubbliku sabiex tkun tista' tinforza aħjar il-qafas ta' integrità. Fl-[Estonja](#) jeżistu linji gwida dwar il-kunflitti ta' interess imma mhumiex soġġetti għal mekkaniżmu effettiv ta' verifika u infurzar⁵⁷.

L-uffiċjali għolja tal-gvern u l-Membri tal-Parlament spiss ikunu soġġetti għal regoli speċifiċi dwar l-integrità. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għandhom fis-seħħ kodiċijiet ta' kondotta u regoli dwar il-prevenzjoni ta' kunflitti ta' interess u inkompatibbiltajiet ma' aktivitajiet oħrajn. Huwa importanti li l-implimentazzjoni Prattika ta' dawn ir-regoli tkun soġġetta għal verifika u għal evalwazzjoni regolari. L-iżviluppi fl-aħħar sena jinkludu regoli msaħħin dwar il-ħidma u l-attivitajiet ekstraparlamentari tal-Membri tal-Parlament, bħall-parteċipazzjoni f'bordijiet jew f'kumitati ta' kumpaniji fil-[Lussemburgu](#). Il-Kummissjoni għall-Etika tal-Assemblea

⁵⁵ Ir-rakkomandazzjonijiet jikkonċernaw lil BG, EL, HU.

⁵⁶ Il-Kunsill tal-Ewropa, *Recommendation Rec(2000)10 on Codes of conduct for public officials*.

⁵⁷ Ir-rakkomandazzjonijiet jikkonċernaw BG, EE, IE, SK.

Nazzjonali fi [Franza](#) baqgħet attiva fil-ħruġ ta' opinjonijiet u fil-verifika tar-rapporti finanzjarji sabiex tindividwa kunflitti ta' interess. F'xi Stati Membri, ġie identifikat jew qiegħed isir tiġib. Fin-[Netherlands](#), qiegħed jitħejja Kodiċi ta' Kondotta għall-ministri u għas-segretarji tal-Istat. Il-[Finlandja](#) qiegħda tħejji leġislazzjoni sabiex issaħħaħ ir-regoli dwar il-kunflitti ta' interess għall-uffiċjali pubbliċi u għall-Ministri rispettivament. Il-[Belġju](#) ma għandux politika wiesgħa ta' integrità għall-Ministri u l-Kabinetti tagħhom kif ukoll għall-Membri tal-Parlament u l-kodiċijiet ta' kondotta eżistenti għad għandhom lakuni. Iċ-[Ċekja](#) ma għandhiex Kodiċijiet ta' Etika sabiex tirregola l-qafas ta' integrità għall-membri tal-Parlament. Fl-[Italja](#), proposta dwar il-kunflitt ta' interess għad-detenturi ta' uffiċċju politiku, inklużi l-membri parlamentari, ilha pendent i fil-Parlament għal diversi snin⁵⁸.

- *Il-lobbjar u r-revolving doors*

Il-lobbjar huwa att leġittimu ta' parteċipazzjoni politika⁵⁹. Madankollu, jeħtieġ li jkun akkumpanjat minn rekwiżiti b'saħħithom ta' trasparenza u integrità biex jiġu żgurati r-responsabbiltà u l-inklużività fit-teħid tad-deċiżjonijiet⁶⁰ (ara wkoll it-Taqsima 2.4). Xi Stati Membri rrevedew l-oqfsa tagħhom sabiex jiżguraw aktar trasparenza filwaqt li, f'oħrajn, ir-regoli għadhom neqsin jew jistgħu jittejbu. [Ċipru](#) adotta regoli dwar il-lobbjar u r-reġistri aċċessibbli għall-pubbliku dwar il-lobbisti u l-laqgħat. Ir-reġistru l-ġdid tal-lobbies tal-[Ġermanja](#) fil-livell federali daħal fis-seħħ fl-2022 u tħabbret l-introduzzjoni ta' "impronta leġislattiva".

Fi Stati Membri oħrajn (il-[Belġju](#), il-[Kroazja](#), l-[Italja](#), [Spanja](#), u l-[Latvja](#)) għadhom għaddejnin diskussjonijiet dwar leġislazzjoni ġdida dwar il-lobbjar. Fl-[Estonja](#), jeżistu linji gwida għal-lobbjar u saru diskussjonijiet dwar it-trasparenza u l-integrità leġislattivi fir-rigward tal-lobbjar. Fl-[Awstrija](#), grupp ta' ħidma inkarigat aktar minn sentejn ilu sabiex jipproponi riforma fil-lobbjar għadu ma mnekkilux isib ftehim. Fi [Franza](#), hemm tħassib dwar il-konsistenza tal-applikazzjoni tar-regoli dwar il-lobbjar għat-tipi kollha ta' atturi tal-lobbjar. F'għadd ta' Stati Membri għadu ma jeżistix regolament iddedikat dwar il-lobbjar jew inkella jista' jitjieb⁶¹.

Qasam ieħor taħt skrutinju pubbliku f'ħafna Stati Membri huwa r-regolamentazzjoni u l-infurzar tar-regoli dwar ir-"revolving doors" bejn il-funzjonijiet pubbliċi u privati. Il-[Kroazja](#) estendiet il-perjodu ta' preklużjoni għall-ħatriet ta' uffiċjali f'karigi maniġerjali f'kumpaniji rilevanti minn 12-il xahar għal 18-il xahar. Fin-[Netherlands](#), il-gvern ħabbar l-intenzjonijiet tiegħu li jintroduċi restrizzjonijiet aktar stretti għal wara l-impjeg. F'diversi Stati Membri, ir-regoli dwar ir-revolving doors juru lakuni jew nuqqasijiet. Ir-regoli tal-[Ġermanja](#) dwar ir-restrizzjonijiet ta' wara l-impjeg u l-perjodi ta' preklużjoni għadhom frammentati u inkonsistenti għal funzjonijiet differenti. Fl-[Iżvezja](#), ir-regoli dwar ir-revolving doors għall-oġġla karigi eżekuttivi fil-Gvern huma ġeneralment limitati fl-ambitu u l-gvern nieda evalwazzjoni tal-qafas attwali. Fid-[Danimarka](#), ma hemm l-ebda regola dwar ir-revolving doors għall-ministri. Fiċ-[Ċekja](#), il-perjodi ta' preklużjoni li jkopru l-impjegati ċivili u l-membri tal-gvern għadhom limitati⁶².

⁵⁸ Ir-rakkomandazzjonijiet jikkonċernaw lil BE, CZ, NL.

⁵⁹ OECD (2021) Lobbying in the 21st century.

⁶⁰ OECD (2010), *Recommendation of the Council on Principles for Transparency and Integrity in Lobbying*; Council of Europe standards on lobbying transparency, Recommendation CM/Rec(2017)2.

⁶¹ Ir-rakkomandazzjonijiet jikkonċernaw lil: BE, DK, DE, EE, IE, ES, FR, HR, IT, LV, LU, HU, NL, PL, RO, SK. Fl-RRP ta' CZ hemm ukoll stadji importanti rilevanti.

⁶² Ir-rakkomandazzjonijiet jikkonċernaw BE, DK, DE, IE, NL, SE.

- *Divulgazzjoni tal-assi u tal-interessi*

Dikjarazzjonijiet tal-assi u tal-interessi mill-uffiċjali pubbliċi jappoġġaw it-trasparenza u r-responsabbiltà fis-settur pubbliku, sabiex jipromwovu l-integrità u jipprevjenu l-korruzzjoni. L-Istati Membri kollha għandhom xi regoli fis-seħħ sabiex jiżguraw li l-kategoriji ta' uffiċjali tas-settur pubbliku jkunu soġġetti għal obbligi ta' divulgazzjoni tal-assi u tal-interessi. Madankollu, dawn ivarjaw fl-ambitu, fit-trasparenza u fl-aċċessibbiltà tal-informazzjoni ddivulgata, kif ukoll fil-livell u fl-effettività tal-verifika u tal-infurzar.

Filwaqt li f'xi Stati Membri l-isforzi ta' riforma mixjin 'il quddiem, għad hemm sfidi li jeħtieġ li jiġu indirizzati. Fil-[Portugall](#), l-obbligi ta' dikjarazzjoni tal-assi fuq id-detenturi ta' karigi pubbliċi politiċi u superjuri ġew estiżi u ssaħħew. Filwaqt li l-korp inkarigat mill-monitoraġġ u mill-verifiki għadu ma huwiex operazzjonali, għadhom għaddejjin sforzi sabiex dan jiġi indirizzat. Fir-[Rumanija](#), is-sottomissjoni elettronika tad-divulgazzjonijiet tal-assi u tal-interessi saret obligatorja minn Jannar 2022, għalkemm jeżistu xi sfidi fir-rigward tal-verifika effettiva tad-*data* sottomessa. Fil-[Greċja](#), filwaqt li d-dikjarazzjonijiet tal-assi jiġu ppreżentati minn numru kbir ta' uffiċjali, proporzjon limitat biss jiġu vverifikati fuq l-akkuratezza tagħhom. Fl-[Ungerija](#) għad hemm tħassib dwar in-nuqqas ta' kontrolli sistematiċi u mhux biżżejjed sorveljanza tad-dikjarazzjonijiet tal-assi. Fil-[Belġju](#), il-verifika u t-trasparenza tat-tali dikjarazzjonijiet għadhom kwistjoni ta' tħassib, peress li l-kontenut tad-dikjarazzjonijiet tal-assi jista' jiġi vvalutat biss matul investigazzjoni kriminali. Fl-[Awstrija](#), il-membri tal-Parlament mhumiex obligati jiżvelaw l-assi, l-interessi, id-djun u obligazzjonijiet⁶³.

- *Il-protezzjoni tal-informaturi*

It-tħeġġiġ u l-protezzjoni ta' dawk li jiżvelaw għemil ħażin għandhom rwol essenzjali fl-identifikazzjoni u fil-prevenzjoni tal-korruzzjoni, kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat. It-traspożizzjoni tad-Direttiva (UE) 2019/1937 dwar il-protezzjoni tal-informaturi⁶⁴ wasslet għall-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni minn għadd ta' Stati Membri, filwaqt li ħafna għadhom fil-proċess li jirrevedu l-leġiżlazzjoni nazzjonali eżistenti jew jintroduċu regoli ġodda u li jissimplifikaw il-qafas istituzzjonali għat-trattament ta' rapporti tal-informaturi.

Il-finanzjament tal-partiti politiċi

Il-finanzjament tal-partiti politiċi huwa qasam ta' riskju importanti għall-korruzzjoni u diversi Stati Membri adottaw jew qegħdin jikkunsidraw riformi sabiex iżidu t-trasparenza u s-sorveljanza. Fil-[Polonja](#), ir-regoli dwar il-finanzjament tal-partiti politiċi ġew riveduti sabiex tizzied it-trasparenza. Fin-[Netherlands](#), għaddejjin diskussjonijiet dwar il-protezzjoni tal-partiti politiċi kontra l-interferenza barranija. Fl-[Estonja](#), l-abbozzi ta' leġiżlazzjoni li qegħdin jitħejjew ikollhom l-għan li jżidu s-setgħat tal-Kumitat ta' Sorveljanza tal-Finanzjament tal-Partiti Politiċi. Fl-[Awstrija](#), il-Parlament jinsab fil-proċess li jadotta riformi biex jindirizza kwistjonijiet li ilhom jeżistu fis-sistema attwali, inkluż fir-rigward tas-setgħat tal-Qorti tal-Awditjar. Id-[Danimarka](#) għandha l-għan li tirrieżamina u temenda s-sistema ta' finanzjament tal-partiti politiċi, għalkemm mingħajr skeda ta' żmien konkreta. Jeżistu sfidi fi Stati Membri oħra, bħall-[Italja](#), fejn il-prattika li d-donazzjonijiet jiġu diretti lill-partiti politiċi permezz tal-

⁶³ Ir-rakkomandazzjonijiet jikkonċernaw lil: CZ, IE, EL, CY, HU, PL, AT, PT, SK. Fl-RRP ta' HR hemm ukoll stadji importanti rilevanti.

⁶⁴ Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni (ĠU L 305, 26.11.2019, p. 17).

fondazzjonijiet politiċi toħloq ostakli għall-akkontabbiltà pubblika minħabba n-nuqqas ta' reġistru elettroniku uniku⁶⁵.

Skemi taċ-ċittadinanza b'investment u tar-residenza b'investment

L-iskemi taċ-ċittadinanza b'investment u tar-residenza b'investment joħolqu riskji ta' korruzzjoni u jqajmu tħassib dwar is-sigurtà, il-ħasil tal-flus u l-evażjoni tat-taxxa⁶⁶. Il-Kummissjoni tqis li l-għoti taċ-ċittadinanza tal-UE bi tpattija għal pagamenti jew investimenti predeterminati, mingħajr ebda rabta ġenwina mal-Istat Membru kkonċernat, jimmina l-essenza taċ-ċittadinanza tal-UE u jikser id-dritt tal-UE⁶⁷. B'konsegwenza ta' dan, il-Kummissjoni stiednet l-Istati Membri biex jirrevokaw l-iskemi ta' ċittadinanza b'investment u jieħdu miżuri xierqa biex jindirizzaw ir-riskji tal-iskemi tar-residenza b'investment⁶⁸. Il-[Bulgarija](#) ħassret l-iskema tagħha taċ-ċittadinanza b'investment f'Marzu 2022. [Ċipru](#) diġà kien waqaf jirċievi applikazzjonijiet ġodda taħt l-iskema tiegħu f'Novembru 2020 u issa waqaf jimmaniġġja applikazzjonijiet. [Malta](#) issospendiet l-iskema tagħha għal ċittadini Russi u Belarussi fit-2 ta' Marzu 2022, imma għadha toperaha għal ċittadini oħra⁶⁹.

Il-ġlieda kontra l-impatt tal-pandemija fuq il-korruzzjoni

Ix-xejra ta' riskji akbar ta' korruzzjoni relatati mal-COVID-19 ilha mill-2020, fejn il-ħruġ ta' ċertifikati tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan mill-COVID-19 u l-akkwist ta' tagħmir protettiv mediku għadu jirrappreżenta riskju. Iż-żieda fl-użu ta' proċeduri ta' akkwist aċċellerati u ssimplifikati spiss irriżultat f'għotjiet diretti jew fi proċeduri ta' akkwist mhux kompetittiv. Sabiex jidentifikaw u jipprevjenu l-korruzzjoni fi proċeduri bħal dawn, l-Istati Membri saħħew it-trasparenza u l-monitoraġġ. L-awtoritajiet responsabbli f'diversi Stati Membri wettqu awditi mmirati (l-[Awstrija](#), iċ-[Ċekja](#), is-[Slovenja](#) u l-[Portugall](#)) jew attivitajiet ta' monitoraġġ (il-[Litwanja](#)). Fil-[Belġju](#), il-Qorti tal-Awditjar ħarġet dashboard speċjali sabiex iżżid it-trasparenza fir-rigward tal-miżuri ta' appoġġ tal-gvern.

2.3 Il-pluraliżmu tal-media u l-libertà tal-media

Il-media indipendenti u libera hija l-gwardjan tad-demokrazija. Ambjent tal-media ħieles u pluralistiku huwa strumentali għad-difiża tal-istat tad-dritt billi jżomm il-poter u l-istituzzjonijiet responsabbli. Il-pressjoni jew il-kontroll politiku jew statali fuq il-media jimmina kemm il-libertà tal-kelma u tal-espressjoni kif ukoll il-libertà li wieħed ifittex, jirċievi u jaqsa informazzjoni. Anki l-kunflitti ta' interess u suq ikkonċentrat ħafna, iddominat minn ftit atturi biss, jistgħu jkollhom l-effett li jimminaw il-libertà tal-media. Fl-UE l-Istati Membri għandhom obbligu pożittiv li jiggarrantixxu ambjent abilitanti għall-ġurnalisti, jipproteġu s-sikurezza tagħhom u jippromwovu l-pluraliżmu u l-libertà tal-media. L-isfidi f'dan il-qasam identifikati mir-rapporti preċedenti dwar l-istat tad-dritt wasslu għal diversi inizjattivi riċenti tal-UE, inkluża rakkomandazzjoni dwar is-sikurezza tal-ġurnalisti u pakkett ta' miżuri sabiex jiġu indirizzati kawżi abbużivi kontra l-parteċipazzjoni pubblika.

⁶⁵ Ir-rakkomandazzjonijiet jikkonċernaw lil DK, IT, AT.

⁶⁶ Ir-rapport tal-Kummissjoni dwar "Skemi ta' Ċittadinanza u ta' Residenza b'Investiment fl-Unjoni Ewropea", adottat fit-23 ta' Jannar 2019, COM(2019) 12 final.

⁶⁷ Il-Kummissjoni nediet proċeduri ta' ksur fir-rigward tal-iskemi operati minn Ċipru u Malta.

⁶⁸ Rakkomandazzjoni fil-kuntest tal-invażjoni Russa tal-Ukrajna fir-rigward ta' skemi tas-CBI u tal-RBI, adottata fit-28 ta' Marzu 2022, C(2022) 2028. L-iskemi tar-residenza b'investment jintużaw f'total ta' 19-il Stat Membru: il-Bulgarija, iċ-Ċekja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija u s-Slovakkja.

⁶⁹ Il-Kummissjoni kompliet bil-proċedimenti ta' ksur kontra Malta.

Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media

L-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media tivvaluta r-riskji għal-libertà u l-pluraliżmu tal-media fl-Istati Membri kollha, billi tiffoka fuq erba' oqsma – il-protezzjoni bażika tal-libertà tal-media, il-pluralità tas-suq, l-indipendenza politika u l-inklużività soċjali tal-media⁷⁰. L-aħħar riżultati tal-Għodda għall-Monitoraġġ (MPM 2022) jżvelaw li ma kien hemm l-ebda bidla kbira f'dawn l-oqsma mill-2021, għalkemm kien hemm xi varjanza f'indikaturi speċifiċi f'dawk l-oqsma ġenerali. L-indikatur relatat mal-professjoni ġurnalistika u l-protezzjoni tagħha rreġistra deterjorament żgħir. Kien hemm titjib fl-indikatur relatat mat-trasparenza tas-sjieda tal-media wara l-implimentazzjoni minn diversi Stati Membri tal-leġiżlazzjoni tal-UE li tirregola l-kwistjoni. Fir-rigward tal-konċentrazzjoni tal-media tal-aħbarijiet għad hemm livell għoli ħafna ta' riskju madwar il-kontinent filwaqt li ma sar l-ebda progress f'termini ta' indipendenza politika, li għadha f'riskju medju. Għall-ewwel darba, l-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media introduċiet klassifikazzjoni ġenerali tal-Istati Membri miġburin f'ħames livelli ta' riskju, li fihom il-Bulgarija, il-Greċja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovenja huma meqjusin bħala pajjiżi ta' riskju għoli.

Tisħiħ tal-funzjonament indipendenti tar-regolaturi tal-media

Ir-regolaturi nazzjonali tal-media għandhom rwol importanti fil-preservazzjoni tal-pluraliżmu tal-media. Sabiex dan jiġi żgurat, jeħtieġ li jkunu indipendenti funzjonalment u effettivament u jkollhom riżorsi suffiċjenti, u jeżerċitaw is-setgħat tagħhom b'mod imparzjali u trasparenti. L-Istati Membri kollha għandhom leġiżlazzjoni implimentata li tistabbilixxi l-kompetenzi u l-indipendenza tar-regolaturi tal-media. Id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (Audiovisual Media Services Directive, AVMSD)⁷¹ riveduta fl-2018 tinkludi lista ta' rekwiżiti — indipendenza mill-gvern, imparzjalità, trasparenza, akkontabbiltà, riżorsi, ħatra u sensja u mekkaniżmi ta' appell — li l-Istati Membri jridu jiżguraw il-ħarsien tagħhom fir-rigward tal-awtoritajiet tal-media tagħhom. Mill-pubblikazzjoni tar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, [Ċipru](#), l-[Estonja](#), [Franza](#), in-[Netherlands](#), is-[Slovakkja](#) u s-[Slovenja](#) segwew Stati Membri oħrajn u adottaw dispożizzjonijiet sabiex itejbu l-indipendenza tal-awtoritajiet tal-media u/jew jestendu l-kompetenzi tal-awtoritajiet għal oqsma ġodda. Ir-riformi huma pendent fi Stati Membri oħrajn.

F'xi Stati Membri, minkejja l-aġġornament formali tal-qafas legali, għad hemm tħassib dwar l-effettività tiegħu jew l-indipendenza funzjonali tar-regolaturi fil-prattika. Xi wħud minn dawn il-kwistjonijiet ta' tħassib huma relatati mal-possibbiltà ta' influwenza politika indebita fuq il-proċess ta' nomina jew fuq il-funzjonament tar-regolaturi, oħrajn ma' riżorsi insuffiċjenti. Fl-[Ungerija](#), fejn hemm biżżejjed fondi u qafas legali dettaljat għall-istabbiliment u l-operat tal-Awtorità tal-Media, hemm bżonn li tissaħħa l-indipendenza funzjonali tagħha. Fis-[Slovenja](#), għad hemm mistoqsijiet dwar jekk il-qafas legali l-ġdid ikunx jiżgura l-indipendenza minn interferenza politika, u l-implimentazzjoni sħiħa tal-kompetenzi estensivi bir-riżorsi disponibbli għadha diffiċli. Fi [Spanja](#), il-leġiżlazzjoni l-ġdida

⁷⁰ L-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media hija sors importanti għar-Rapporti tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt. Hija għodda xjentifika u olistika li tiddokumenta s-saħħa tal-oqfsa tal-media, filwaqt li tagħti dettalji dwar it-teddid għall-pluraliżmu u għal-libertà tal-media fl-Istati Membri u f'xi pajjiżi kandidati. Hija kofinanzjata mill-UE u ilha tiġi implimentata, b'mod indipendenti u fuq bażi regolari, miċ-Ċentru għall-Pluraliżmu tal-Media u għal-Libertà tal-Media, mill-2013-14. Il-Kummissjoni użat ukoll sorsi oħrajn, bħall-Indiċi Dinji tal-Libertà tal-Istampa tar-Reporters mingħajr fruntieri u l-Pjattaforma tal-Kunsill tal-Ewropa għall-promozzjoni tal-protezzjoni tal-ġurnaliżmu u tas-sikurezza tal-ġurnalisti, kif imsemmi fil-kapitoli tal-pajjiżi.

⁷¹ Id-Direttiva (UE) 2018/1808 tal-14 ta' Novembru 2018.

tattribwixxi kompetenzi ġodda lir-Regolatur awdjoviżiv, iżda għad hemm tħassib dwar ir-riżorsi tiegħu. Fir-[Rumanija](#) għad hemm tħassib dwar il-funzjonament u l-baġit tal-Kunsill Awdjoviżiv Nazzjonali, b'mod partikolari fid-dawl tal-fondi meħtieġa biex jittejjbu s-sistemi tal-IT⁷².

It-titjib u l-ostakli relatati mat-trasparenza tas-sjieda tal-media

It-trasparenza tas-sjieda tal-media hija direttament marbuta mal-libertà u mal-pluraliżmu tal-media, b'mod partikolari meta s-sjieda tirriżulta f'kontroll dirett jew indirett tal-kontenut ipprovdut jew f'influenza sinifikanti fuqu. L-informazzjoni dwar is-sjieda tippermetti lill-utenti jagħmlu għidizzji informati dwar il-kontenut. L-istandards Ewropej⁷³ jinkoraġġixxu lill-Istati Membri jadottaw miżuri speċifiċi f'dan il-qasam; dan tal-aħħar huwa previst ukoll fil-leġislazzjoni tal-UE⁷⁴. Mill-aħħar rapport 'l hawn, [il-Kroazja](#), [Ċipru](#), [l-Estonja](#), [il-Greċja](#), [il-Polonja](#), [il-Portugall](#) u [Spanja](#) adottaw leġislazzjoni għidida li ttejjeb it-trasparenza tas-sjieda tal-media jew li ttejjeb id-disponibbiltà pubblika tal-informazzjoni dwar is-sjieda tal-media. Liġijiet sabiex tissaħħaħ it-trasparenza fis-sjieda tal-media qegħdin jiġu kkunsidrati fil-[Bulgarija](#) u fis-[Slovakkja](#). Ittieħdu miżuri prattiċi sabiex tittejjeb it-trasparenza fil-[Litwanja](#), fejn tnediet Sistema speċifika ta' Informazzjoni tal-Produtturi u tax-Xandara ta' Informazzjoni Pubblika.

L-implimentazzjoni tar-regoli qiegħda tiffaċċja sfidi partikolari f'xi Stati Membri. Fiċ-[Ċekja](#), ir-regoli promulgati fl-2021 sabiex tissaħħaħ it-trasparenza tas-sjieda benefiċjarja tal-kumpaniji tal-media għadhom jeħtieġu implimentazzjoni sħiħa u għad hemm tħassib fir-rigward tan-nuqqas ta' trasparenza sħiħa dwar is-sjieda u l-kunflitt ta' interessi. Fin-[Netherlands](#) u fi [Franza](#) għad hemm sfidi dwar it-trasparenza tas-sjieda tal-media. Fis-[Slovenja](#) għad hemm sfidi fl-identifikazzjoni tal-istruttura ta' sjieda aħħarija ta' ċerti kumpaniji tal-media⁷⁵.

Is-salvagwardja tal-media mill-pressjoni u mill-influenza politika

Il-vulnerabbiltajiet u r-riskji għall-istat tad-dritt jiżdiedu meta l-media tkun soġġetta għal pressjoni politika u għal influwenza politika, b'mod partikolari mill-awtoritajiet pubbliċi u mill-partiti mexxejja, u dan jimmina l-indipendenza tal-media. Kemm regoli trasparenti u ekwi għall-allokkazzjoni tar-reklamar mill-Istat kif ukoll salvagwardji għall-prevenzjoni tal-politiċizzazzjoni tal-media tas-servizz pubbliku ġew identifikati bħala ta' importanza partikolari. Mod ieħor li bih tista' tiġi eżerċitata pressjoni politika huwa marbut mal-liċenzjar.

- *Il-mitigazzjoni tar-riskji relatati man-nuqqas ta' trasparenza u ta' ġustizzja fl-allokkazzjoni tar-reklamar mill-Istat*

Ir-reklamar mill-Istat jinkludi l-użi kollha tal-baġit tal-Istat, fil-livelli kollha, jew ta' kumpaniji kkontrollati mill-Istat għall-finijiet ta' reklamar u ta' kampanji. Huwa importanti li l-allokkazzjonijiet ikunu trasparenti u jseħħu fuq il-bażi ta' kriterji ġusti, sabiex jiġi evitat ir-riskju li r-reklamar mill-Istat jintuża bħala mezz ta' influwenza politika u sabiex jiġu ingranati l-fondi sabiex jiffavorixxu ċerti strumenti tal-media. Filwaqt li għad hemm

⁷² Ir-rakkomandazzjonijiet jikkonċernaw lil ES, HU.

⁷³ Ir-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2018) 11 tal-Kumitat tal-Ministri lill-Istati Membri dwar il-pluraliżmu tal-media u t-trasparenza tas-sjieda tal-media.

⁷⁴ Id-Direttiva (UE) 2010/13/UE tal-10 ta' Marzu 2010, l-Artikolu 5(2), kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/1808 tal-14 ta' Novembru 2018. L-obbligi ġenerali (mhux settorjali) tat-trasparenza tas-sjieda benefiċjarja jeżistu wkoll fid-Direttivi dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus (id-Direttiva (UE) 2018/843 tat-30 ta' Mejju 2018 u d-Direttiva (UE) 2015/849 tal-20 ta' Mejju 2015).

⁷⁵ Ir-rakkomandazzjonijiet jikkonċernaw lil CZ, FR.

kwistjonijiet f'diversi Stati Membri, l-iżviluppi fi ftit oħrajn fittxew li jindirizzaw tħassib speċifiku dwar it-trasparenza tar-reklamar mill-Istat. Fil-[Kroazja](#), ġew adottati regoli aġġornati li jkopru t-trasparenza tar-reklamar mill-Istat, filwaqt li għad fadal xi lok għal titjib. Filwaqt li ma humiex inklużi fil-leġiżlazzjoni, [Malta](#) u [Ċipru](#) adottaw linji gwida, b'tal-ewwel li stabbiliet standards għall-iżborż ta' reklamar u ta' materjal promozzjonali tal-gvern, u tal-aħħar b'rabta ma' kampanji ta' sensibilizzazzjoni u ta' reklamar mill-uffiċċju tal-istampa u tal-informazzjoni tal-gvern. Fl-[Awstrija](#), il-Gvern ħabbar proċess ta' riflessjoni minħabba tħassib dwar l-infiq għoli fuq ir-reklamar tal-istat, il-ġustizzja u t-trasparenza tal-allokkazzjoni tiegħu, u l-influwenza politika fil-proċess⁷⁶.

- Is-salvagwardja tal-indipendenza tal-media tas-servizz pubbliku

Ir-regoli dwar il-governanza indipendenti u l-indipendenza editorjali tal-media tas-servizz pubbliku huma kruċjali għall-prevenzjoni ta' interferenza politika f'dan is-settur importanti tal-media. Il-finanzjament tax-xandir tas-servizz pubbliku u l-finanzjament mogħti lill-organizzazzjonijiet tax-xandir għat-tweġġ ta' dan is-servizz pubbliku jibqa' prerogattiva ta' kull Stat Membru sakemm tali finanzjament ma jaffettwax indebitament il-kummerċ u l-kompetizzjoni fl-UE⁷⁷. Fl-istess ħin hemm standards u prinċipji gwida Ewropej dwar l-indipendenza, il-qafas regolatorju u politiku, il-finanzjament, il-ħatriet, l-akkontabbiltà, il-ġestjoni, it-trasparenza u l-ftuħ⁷⁸. L-Istati Membri kollha għandhom sistemi leġiżlattivi u istituzzjonali sabiex jirregolaw il-media tas-servizz pubbliku u xi wħud qegħdin ifittxu li jsaħħu l-indipendenza tax-xandar tas-servizz pubbliku tagħhom. Fil-[Bulgarija](#), qiegħda tiġi kkunsidrata reviżjoni tal-liġi mmirata lejn id-definizzjoni f'aktar dettall tal-missjoni ta' servizz pubbliku u l-finanzjament relatat. Fir-[Rumanija](#), qiegħda tiġi diskussa riforma tal-liġi dwar il-kumpaniji tax-xandir pubbliku u tar-radju mmirata lejn ġestjoni aktar indipendenti u professjonali. Fil-[Lussemburgu](#), ġie ppreżentat lill-Parlament abbozz ta' liġi sabiex tissaħħaħ l-indipendenza tal-media tas-servizz pubbliku. Madankollu, f'xi Stati Membri, ir-regoli eżistenti ma kinux jiggerantixxu biżżejjed l-indipendenza. Kwistjonijiet ta' tħassib jinkludu r-riskju ta' politiċizzazzjoni tal-ħatriet u tas-sensji tal-manigġers u tal-membri tal-bord fi-[Ċekja](#), fis-[Slovakkja](#) u f'[Ċipru](#), l-indipendenza u l-governanza tal-media tas-servizz pubbliku f'[Malta](#), u l-isfidi prattiċi li jinħolqu fl-isfond tar-regoli eżistenti waqt il-limitazzjoni tal-influwenza politika fis-[Slovenja](#). Fil-[Polonja](#), għad hemm tħassib dwar l-indipendenza tal-media tas-servizz pubbliku, inkluż dwar is-salvagwardji għall-ħatriet għal karigi eżekuttivi. Fil-[Greċja](#), filwaqt li l-media tas-servizz pubbliku hija rregolata minn qafas legali b'saħħtu, hemm tħassib fir-rigward tal-influwenza politika potenzjali fil-ħatra tal-membri tal-bord. Fl-[Ungerija](#), il-media tas-servizz pubbliku topera f'sistema istituzzjonali kumplessa, filwaqt li jeżisti tħassib dwar l-indipendenza editorjali⁷⁹.

- Pressjoni u influwenza politiċi fuq il-media permezz ta' restrizzjonijiet u deċiżjonijiet dwar il-liċenzjar

Filwaqt li l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tiddikjara b'mod espliċitu li d-dritt għal-libertà ta' espressjoni ma għandux jipprevjeni lill-Istati milli jissottomettu lill-intrapriżi tax-xandir u tat-televiżjoni għal sistema ta' liċenzjar, l-eżerċizzju ta' din il-prerogattiva jeħtieġ li jqis il-pluralità tax-xenarju tal-media u jkun ibbażat fuq proċeduri u fuq

⁷⁶ Ir-rakkomandazzjonijiet jikkonċernaw BG, HR, HU, AT.

⁷⁷ Il-Protokoll (Nru 29) dwar is-sistema tax-xandir pubbliku fl-Istati Membri, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

⁷⁸ [Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa CM/Rec\(2012\)1 dwar il-governanza tal-media tas-servizz pubbliku](#).

⁷⁹ Ir-rakkomandazzjonijiet jikkonċernaw lil: CZ, CY, HU, MT, PL, RO, SI, SK.

kriterji oġġettivi u trasparenti. Fil-[Polonja](#), fl-aħħar mill-aħħar il-President uża d-dritt ta' veto tiegħu għal proposta għal emendi leġiżlattivi mmirati lejn il-projbizzjoni tal-konċessjonijiet tax-xandir lil operaturi kkontrollati minn persuni rreġistrati barra miż-ŻEE. Madankollu, żewġ stazzjonijiet tat-televiżjoni ffaċċjaw proċeduri amministrattivi partikolarment twal għall-estensjoni tal-liċenzji tagħhom mir-regolatur⁸⁰.

L-aċċess għall-informazzjoni bħala prerekwiżit neċessarju għall-media, għas-soċjetà ċivili u għall-fiduċja tal-pubbliku

Id-dritt ta' aċċess għall-informazzjoni miżmuma mill-awtoritajiet pubbliċi huwa fundamentali għall-ġurnalisti sabiex jagħmlu xogħolhom, kif ukoll għas-soċjetà ċivili u għaċ-ċittadini iġġenerali. Mill-pubblikazzjoni tal-aħħar rapport dwar l-Istat tad-Dritt, fin-[Netherlands](#) daħlet fis-seħħ leġiżlazzjoni ġdida li tagħmel l-aċċess għall-informazzjoni pubblika aktar mifruq u aktar veloċi. Fil-[Finlandja](#), qegħdin jittieħdu passi sabiex jiġi riformat l-Att dwar l-Aċċess Miftuħ għall-Attivitajiet tal-Gvern sabiex jiġi estiż l-aċċess garantit b'mod kostituzzjonali għad-dokumenti. Fi [Spanja](#) għaddejjja ħidma leġiżlattiva sabiex jissaħħaħ l-aċċess għall-informazzjoni permezz ta' riforma tal-liġi dwar is-sigrietati uffċjali. Fid-[Danimarca](#), għaddejjin diskussjonijiet politiċi sabiex tiġi kkunsidrata t-tneħħija ta' xi restrizzjonijiet fuq id-dritt ta' aċċess għall-informazzjoni. Fi Stati Membri oħrajn għad hemm xi tħassib prattiku jew legali. Fil-[Belġju](#), leġiżlazzjoni riċenti li tintroduċi raġunijiet ġodda ta' rifjut u ta' dewmien fit-trattament tat-talbiet għad-dokumenti pubbliċi tista' taffettwa d-dritt ta' aċċess għall-informazzjoni u għad-dokumenti pubbliċi. Fil-[Litwanja](#), hemm tħassib li l-interpretazzjoni mill-awtoritajiet tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* wasslet għal restrizzjonijiet fuq l-aċċess tal-ġurnalisti għall-informazzjoni. Fl-[Awstrija](#), għad hemm sfidi fir-rigward tan-nuqqas ta' qafas legali komprensiv u infurzabbli għall-aċċess għad-dokumenti u għall-informazzjoni pubblika, u ma sarx progress fl-abbozz ta' leġiżlazzjoni. F'[Malta](#), il-ġurnalisti għadhom jiffaċċjaw ostakli meta jitolbu aċċess għal informazzjoni miżmuma mill-awtoritajiet pubbliċi. Fl-[Ungerija](#), l-aċċess għall-informazzjoni pubblika kompli jiġi ostakolat fil-qafas tal-“*istat ta' periklu*”⁸¹.

Theddid kontra s-sikurezza tal-ġurnalisti

Il-ġurnalisti għadhom jiffaċċjaw theddid u ostakli għax-xogħol tagħhom, inklużi attackki fiżiċi rrapportati f'diversi Stati Membri. Fl-2021, kemm il-Pjattaforma tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Promozzjoni tal-Protezzjoni tal-Ġurnaliżmu u s-Sikurezza tal-Ġurnalisti kif ukoll il-Pjattaforma Mapping Media Freedom identifikaw żieda sinifikanti fit-twissijiet⁸², li jinkludu anki żieda fl-attackki online. Il-ksur kien jinkludi fastidju verbali, theddid legali, offiża fuq il-persuna, attackki fuq proprjetà, inċitament, kampanji ta' malafama u ċensura. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-2021 dwar is-sikurezza tal-ġurnalisti tinkludi miżuri relatati ma' investigazzjoni u ma' prosekuzzjoni effettivi u imparzjali tar-reati, mekkaniżmi indipendenti ta' rispons u ta' appoġġ, aċċess għal postijiet u għal informazzjoni, sikurezza matul dimostrazzjonijiet, taħriġ u sikurezza online u awtonomizzazzjoni diġitali.

Xi Stati Membri ħadu miżuri jew saħħew miżuri eżistenti sabiex itejbu s-sikurezza tal-ġurnalisti. Fi [Franza](#), il-leġiżlazzjoni rrikonoxxiet ir-rwol tal-ġurnalisti f'dimostrazzjonijiet u kumitat ta' kollegament bejn il-Ministeru tal-Intern u l-istampa issa jippermetti li jsir djalogu permanenti dwar is-sikurezza fi protesti jew f'dimostrazzjonijiet. Fin-[Netherlands](#), il-Gvern

⁸⁰ Ir-rakkomandazzjonijiet jikkonċernaw lil PL. Rigward HU għaddejjja proċedura ta' ksur.

⁸¹ Ir-rakkomandazzjonijiet jikkonċernaw lil: BE, DK, DE, EE, ES, LT, LU, MT, AT, FI.

⁸² Il-Pjattaforma tal-Kunsill tal-Ewropa turi żieda ta' 42 % fi twissijiet filwaqt li l-Pjattaforma MMF irreġistrat żieda ta' 72 % fi twissijiet fl-Istati Membri tal-UE bejn l-2020 u l-2021, b'perċentwal imdaqqas tat-twissijiet tal-2021 relatati ma' fastidju u attackki online matul il-protesti relatati mal-COVID.

kompla jtejjeb, jiffinanzja u jiżviluppa l-pjattaforma “PersVeilig” u jippromwovi kooperazzjoni mill-qrib bejn il-prosekuturi, il-pulizija u l-partijiet ikkonċernati tal-media. Fil-[Ġermanja](#), l-awtoritajiet tal-Länder, il-Kunsill tal-Istampa u l-partijiet ikkonċernati oħra tal-media bħalissa qed jiddiskutu aġġornament tal-prinċipji eżistenti tal-imġiba għall-media u għall-pulizija biex jindirizzaw is-sikurezza tal-ġurnalisti waqt il-protesti. Fil-[Greċja](#), ġew irrapportati theddid u attakki fiżiċi ta’ spiss u dan l-aħħar il-Gvern qabel dwar Memorandum ta’ Qbil dwar il-protezzjoni tal-ġurnalisti. Fi Stati Membri oħrajn, ikunu meħtieġa sforzi aktar determinati sabiex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni. Fil-[Kroazja](#), l-ambjent professjonali għall-ġurnalisti huwa affettwat minn aggressjonijiet verbali kontra l-ġurnalisti, inkluż mill-politiċi. Fis-[Slovenja](#), ambjent ostili, fastidju online u theddid kontra l-ġurnalisti qegħdin isiru sorsi dejjem akbar ta’ tħassib. Fis-[Slovakkja](#), l-adozzjoni ta’ leġislazzjoni proposta dwar il-protezzjoni tal-ġurnalisti ġiet posposta⁸³.

Jissoktaw il-proċessi kriminali fil-każijiet ta’ ġurnalisti maqtulin fl-UE. F’[Malta](#), persuna li kienet allegatament il-moħħ wara l-assassinju tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia ġiet akkużata b’kompliċità fi qtil u b’assoċjazzjoni kriminali u bħalissa għaddej il-proċess kriminali. Ir-rapport separat tal-inkjesta pubblika dwar il-qtil ġie ppubblikat f’Lulju 2021, fejn instab li l-Istat u l-entitajiet tiegħu kienu naqsu milli jipproteġu bis-sħiħ lill-ġurnalista mir-riskji reali u immedjati, u naqsu milli jaġixxu sabiex jipprevjenu l-assassinju tagħha. Ir-rapport stabbilixxa sett ta’ rakkomandazzjonijiet relatati mal-istat tad-dritt, inkluż ix-xenarju tal-media fil-pajjiż. Fis-[Slovakkja](#), il-proċess relatat mal-qtil ta’ Jan Kuciak u tal-għarusa tiegħu Martina Kusnirova għadu għaddej, filwaqt li fin-[Netherlands](#) beda l-proċess relatat mal-qtil tal-ġurnalist Peter R. de Vries. Il-qtil tal-ġurnalist Giorgios Karaivaz f’April 2021 qiegħed jiġi investigat mill-awtoritajiet fil-[Greċja](#).

Theddid legali u proċeduri tal-qorti abbużivi kontra l-parteċipazzjoni pubblika

Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika (SLAPPs) huma forma partikolari ta’ fastidju użat kontra l-ġurnalisti u d-difensuri tad-drittijiet involuti fil-parteċipazzjoni pubblika fi kwistjonijiet ta’ interess pubbliku. Dan il-fenomeno qiegħed jikber fl-UE. Sabiex jiġi evitat li tali fastidju jsikkat il-ġurnalisti u joħloq effett dissważiv fuq il-libertà tal-media u fuq il-libertà tal-espressjoni, hemm bżonn garanziji effettivi. Il-malafama hija waħda mill-aktar raġunijiet komuni li fuq il-bażi tagħhom jinfetħu SLAPPs kontra l-ġurnalisti.

Sabiex tiġi indirizzata t-theddida ta’ SLAPPs, xi Stati Membri bdew jiddibattu jew jikkunsidraw l-introduzzjoni ta’ salvagwardji proċedurali u/jew jinsabu fil-proċess li jirrevedu l-liġijiet tagħhom dwar il-malafama. Fil-[Litwanja](#), tħejjew emendi leġislattivi li jippermettu ċ-ċaħda bikrija ta’ kawżi bħal dawn, kif ukoll ir-reviżjoni tar-responsabbiltà kriminali għal malafama. Fl-[Irlanda](#), id-Dipartiment tal-Ġustizzja beda rieżami li wassal għal rakkomandazzjonijiet li jħarsu lejn mekkaniżmu ġdid kontra SLAPPs li jippermetti ċaħda bikrija. F’[Malta](#), il-Gvern ippropona emendi leġislattivi għar-riforma ta’ ċerti aspetti proċedurali tal-liġi dwar il-malafama. Fl-[Italja](#), filwaqt li s-sentenzi ta’ ħabs għal malafama fil-biċċa l-kbira ġew aboliti wara sentenza storika tal-Qorti Kostituzzjonali fl-2021, il-prevalenza dejjem akbar tal-kawżi SLAPP u l-kombinazzjoni ta’ malafama kriminali u ċivili jqajmu tħassib. L-emendi fis-[Slovakkja](#) sabiex titnaqqas il-piena għal malafama għadhom pendent. Fil-[Kroazja](#), in-numru ta’ każijiet ta’ litigazzjoni abbużiva mmirata lejn il-ġurnalisti għadu għoli, u jhedded l-eżistenza ta’ kompaniji tal-media lokali zġħar u tal-ġurnalisti freelance. Għad hemm numru ta’ eżempji ta’ kawżi bħal dawn kontra ġurnalisti minn politiċi jew minn uffiċjali pubbliċi, inklużi mħallfin. Fil-[Polonja](#), il-komunità tal-media tal-aħbarijiet għadha esposta għal theddid li jirriżulta minn kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni

⁸³ Ir-rakkomandazzjonijiet jikkonċernaw EL, HR, SI, SK.

pubblika li jidhru li huma mmirati primarjament kontra l-ġurnalisti li jiskrutinizaw l-azzjonijiet tal-Gvern⁸⁴.

2.4 Kwistjonijiet istituzzjonali oħrajn marbutin mas-sistema ta' kontrokontrolli

Is-sistema ta' kontrokontrolli istituzzjonali hija integrali għall-istat tad-dritt f'demokrazija. Tipprovdi sistema ta' kontroll reċiproku, filwaqt li tiżgura li s-setgħa eżerċitata minn awtorità tal-Istat waħda tkun soġġetta għall-iskrutinju ta' oħrajn. Filwaqt li l-mudell tas-sistema ta' kontrokontrolli jista' jvarja bejn l-Istati Membri skont it-tradizzjonijiet legali u kostituzzjonali tagħhom, il-koll iridu jkunu soġġetti għal sistema bħal din sabiex jiġi żgurat ir-rispett għall-istat tad-dritt u għan-normi demokratiċi. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u l-awtoritajiet indipendenti bħall-korpi tal-ugwaljanza, l-Ombudsman u l-Istituzzjonijiet Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem huma element indispensabbli fis-sistema ta' kontrokontrolli f'demokrazija b'saħħitha, u t-tentattivi sabiex jiġi ristrett l-ispazju għall-immanuvrar tagħhom jistgħu jippreżentaw theddida għall-istat tad-dritt.

Kwalità u inklużività tal-proċess leġiżlattiv

Wara x-xejra osservata fir-Rapporti tal-2020 u tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, numru ta' Stati Membri komplew itejbu l-kwalità tal-proċess leġiżlattiv. It-titjib tal-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati, inkluż għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, jista' jkun ta' benefiċċju għall-kwalità tal-leġiżlazzjoni kif ukoll għat-trasparenza tal-proċess. Il-[Bulgarija](#) adottat regoli ġodda sabiex ittejjeb il-proċess tat-tfassil tal-liġijiet filwaqt li [Spanja](#) qiegħda tiegħu inizjattivi sabiex iżżid il-parteċipazzjoni pubblika fit-tfassil tal-politika. Fl-[Estonja](#), l-isforzi huma ffokati fuq il-ħolqien ta' pjattaformi diġitali ġodda għall-parteċipazzjoni pubblika fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet. Il-prattika ta' konsultazzjonijiet pubbliċi mal-pajjiż kollu fi [Franza](#) kompliet tissaħħaħ u ġiet estiża għal oqsma oħrajn, inkluża s-sistema tal-ġustizzja. Abbozz ta' reviżjoni kostituzzjonali li għandu l-għan li jintroduċi inizjattiva leġiżlattiva għaċ-ċittadini ġie ppreżentat fil-[Lussemburgu](#).

F'numru ta' Stati Membri, in-nuqqas ta' qafas formali għall-konsultazzjoni tal-partijiet ikkonċernati jew l-applikazzjoni insuffiċjenti tiegħu fil-prattika għadhom iqajmu tħassib. F'[Ċipru](#) u f'[Malta](#), ma hemm l-ebda proċess formalizzat għall-konsultazzjonijiet pubbliċi u dawn għandhom rwol limitat fit-tfassil tal-politika. Fil-[Greċja](#), konsultazzjoni pubblika dwar l-abbozz ta' leġiżlazzjoni spiss tiġi organizzata tard wisq sabiex il-kontribut mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u mill-pubbliku jkollu impatt. Fil-[Lussemburgu](#) u fis-[Slovakkja](#), għad hemm tħassib dwar l-inklużività ġenerali tal-proċess leġiżlattiv. Fil-[Latvja](#), hemm xi tħassib dwar l-involvement limitat tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-livell lokali. Il-[Polonja](#) impenjat ruħha skont il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza tagħha li tadotta miżuri li jiżguraw qafas regolatorju aħjar u aktar stabbli. Fl-[Ungerija](#), in-nuqqas ta' konsultazzjoni pubblika, flimkien ma' proċess leġiżlattiv aċċellerat, kompli jdgħajjef il-kwalità tal-ambjent regolatorju. Fir-[Rumanija](#) għad hemm tħassib dwar l-użu regolari tal-ordinanzi ta' emerġenza tal-Gvern kif ukoll dwar ir-realtajiet prattiċi tal-konsultazzjonijiet pubbliċi, b'mod partikolari dwar is-segwitu effettiv tal-proposti ppreżentati mis-soċjetà ċivili⁸⁵.

⁸⁴ Ir-rakkomandazzjonijiet jikkonċernaw lil IE, HR, IT.

⁸⁵ Ir-rakkomandazzjonijiet jikkonċernaw EE, CY, LV, LU, PT, RO.

Tagħlimiet meħudin mill-użu ta' miżuri ta' emerġenza u mill-pandemija tal-COVID-19

Quddiem l-isfidi li rriżultaw mir-ritorn tal-pandemija tal-COVID-19 fil-ħarifa u fix-xitwa tal-2021, xi Stati Membri komplew japplikaw l-istati ta' emerġenza, filwaqt li fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri tali reġimi u restrizzjonijiet relatati mad-drittijiet fundamentali tneħħew progressivament. Numru ta' Stati Membri issa qegħdin jieħdu t-tagħlimiet minn din l-esperjenza u f'xi każijiet qegħdin jaġġornaw l-oqfsa legali tagħhom sabiex itejbu t-tnejn għal kriżijiet futuri. Fil-[Portugall](#) u fl-[Lżvezja](#), strutturi dedikati qegħdin jeżaminaw kif għandhom jiġu stabbiliti oqfsa legali permanenti li jirregolaw ċirkostanzi eċċezzjonali, b'riflessjonijiet simili li għaddejjin fin-[Netherlands](#). Fid-[Danimarka](#), l-użu tal-Att dwar l-Epidemiji adottat fi Frar 2021 ġie rrieżaminat mill-Gvern u ġie soġġett għal konsultazzjoni wiesgħa mal-partijiet ikkonċernati. Fiċ-[Ċekja](#), il-Ministeru tas-Saħħa wettaq awditu tal-proċess ta' adożzjoni tal-miżuri pandemiċi, wara li bosta minn daww il-miżuri kienu ġew annullati mill-qrati. Fi [Franza](#), il-Kunsill tal-Istat iddedika l-Istudju Annwali tiegħu tal-2021 għall-istati ta' emerġenza u għamel proposti sabiex jiddefinixxom u jorganizzawom aħjar.

L-użu ta' setgħat ta' emerġenza kompla wkoll barra mill-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 fir-rigward ta' kriżijiet oħrajn. [L-Ungerija](#) ddikjarat "stat ta' periklu" ieħor skont id-dispożizzjonijiet kostituzzjonali emendati, wara l-invażjoni tal-Ukrajna. [Il-Polonja](#) introduċiet stat ta' emerġenza fil-fruntiera bejn il-Polonja u l-Belarussja, li wassal għal tħassib mill-partijiet ikkonċernati fir-rigward tal-kostituzzjonalità u r-restrizzjoni tad-drittijiet fundamentali. Anki l-[Litwanja](#) ddikjarat stat ta' emerġenza b'reazzjoni għall-istrumentalizzazzjoni tal-migrazzjoni mill-Belarussja. Ir-restrizzjonijiet fuq il-ħidma tal-korpi ta' monitoraġġ u tal-ġurnalisti qajmu kritika u gradwalment tneħħew.

Ir-rwol tal-Qrati Kostituzzjonali fis-sistema ta' kontrokontrolli

Il-Qrati Kostituzzjonali jaqdu rwol importanti fis-sistema ta' kontrokontrolli u komplew jeżerċitaw dan ir-rwol fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19. Dan kien il-każ fi [Franza](#), fejn il-Qorti Kostituzzjonali ddefiniet il-limiti tas-setgħat eżekuttivi u leġiżlattivi matul ir-reġim ta' emerġenza tas-saħħa u fil-[Ġermanja](#), fi [Spanja](#) u fl-[Italja](#), fejn il-Qrati Kostituzzjonali eżerċitaw sħarriġ kostituzzjonali dwar il-miżuri ta' emerġenza meħudin sabiex tiġi miġġielda l-pandemija tal-COVID-19.

Il-Qrati Kostituzzjonali eżerċitaw ukoll skrutinju f'oqsma ewlenin oħrajn, bħall-elezzjonijiet. Fil-[Portugall](#), il-Qorti Kostituzzjonali ntalbet tirrieżamina l-atti elettorali. Il-leġiżlatura l-ġdida bdiet wara dan ir-rieżami u r-ripetizzjoni sussegwenti tal-votazzjoni. Qegħdin isiru aktar riflessjonijiet strutturali f'[Ċipru](#), bil-ħolqien ta' Qorti Kostituzzjonali li għadha qiegħda tiġi diskussa fil-Parlament.

Fi Stati Membri oħrajn, xi deċiżjonijiet meħudin mill-Qrati Kostituzzjonali qajmu tħassib fir-rigward tal-primat tad-dritt tal-Unjoni. Fir-[Rumanija](#), il-Gvern impenja ruħu b'mod ċar għall-prinċipju tal-primat tad-dritt tal-UE, imma għad hemm tħassib rigward il-kontestazzjoni ta' dan il-prinċipju mill-Qorti Kostituzzjonali⁸⁶. Fil-[Ġermanja](#), wara impenji formali mill-Gvern

⁸⁶ F'żewġ sentenzi, il-QĠUE ddeċidiet li l-qrati nazzjonali għandhom id-dritt li ma japplikawx deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali, li jiksru d-dritt tal-Unjoni, mingħajr ma jkunu f'riskju ta' sanzjonijiet dixxiplinari (is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Diċembru 2021, Euro Box Promotion *et*, kawżi magħquda C-357/19, C-379/19, C-547/19, C-811/19 u C-840/19), u li d-dritt tal-Unjoni jipprekludi kwalunkwe regola jew prattika nazzjonali li twassal għal responsabbiltà dixxiplinarja tal-imħallfin nazzjonali minħabba nonkonformità ma' tali deċiżjonijiet (is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Frar 2022, RS, fil-kawżi C-430/21, il-punt 87). Huwa importanti li jiġi nnotat li l-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja Rumena qatgħet diversi sentenzi li jannullaw il-ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali dwar il-kompożizzjoni tal-

Ġermaniż li jirrikonoxxu b'mod ċar il-primat tad-dritt tal-Unjoni, il-Kummissjoni għalqet il-proċedura ta' ksur dwar sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali Ġermaniża. Fil-[Polonja](#), it-Tribunal Kostituzzjonali kkontesta espressament il-primat tad-dritt tal-Unjoni, u qies li ċerti dispożizzjonijiet tat-Trattati tal-UE kienu jmorru kontra l-kostituzzjoni. Dan wassal biex il-Kummissjoni fetthet proċedura ta' ksur kontra [l-Polonja](#), li għadha għaddejja⁸⁷.

L-Istituzzjonijiet Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Ombudspersons, il-korpi tal-ugwaljanza u l-implimentazzjoni tas-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem

L-Istituzzjonijiet Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem⁸⁸, l-Ombudspersons, il-korpi tal-ugwaljanza u awtoritajiet indipendenti oħra komplew jaqdu rwol fis-sistema nazzjonali ta' kontrokontrolli. F'xi Stati Membri, l-istatus tat-tali awtoritajiet kompli jissaħħaħ. Fil-[Lżvezja](#), l-Istituzzjoni Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem li għadha kif inħolqot bdiet topera f'Jannar 2022. Fil-[Portugall](#), l-istruttura interna tal-Uffiċċju tal-Ombudsperson ġiet irriformata sabiex tirrifletti aħjar il-mandat tiegħu u, fil-[Latvja](#), ir-regoli tal-ħatra għall-Ombudsperson ġew emendati. Fil-[Belġju](#), l-Istitut Federali tad-Drittijiet tal-Bniedem ħareġ diversi opinjonijiet u rakkomandazzjonijiet matul l-ewwel snin ta' attività tiegħu. Parti importanti ta' sistema ta' kontrokontrolli effettivi hija li jiġi żgurat segwitu xieraq għas-sejbiet ta' istituzzjonijiet indipendenti⁸⁹.

Madankollu, l-NHRIs, l-Ombudspersons u l-korpi tal-ugwaljanza jeħtieġu garanziji strutturali ta' indipendenza kif ukoll riżorsi suffiċjenti sabiex jaħdmu b'mod effettiv, u numru minnhom għadhom jiffaċċjaw sfidi. Fil-[Polonja](#), l-Ombudsman il-ġdid, maħtur f'Lulju 2021, għadu jaqdi rwol importanti bħala salvagwardja tal-istat tad-dritt, għalkemm il-kapaċità tiegħu li jaġixxi hija ristretta minħabba riżorsi limitati. Fil-[Litwanja](#), hemm tħassib li l-Uffiċċju tal-Ombudspersons Parlamentari ma għandux ir-riżorsi sabiex jaqdi l-mandat tiegħu u abbozz ta' leġislazzjoni ġdid ġie kkritikat għal impatt negattiv possibbli fuq ħidmietu. Fil-[Ungerija](#), it-tħassib fir-rigward tal-indipendenza tal-Kummissarju għad-Drittijiet Fundamentali jippersisti wara l-integrazzjoni tal-Awtorità għat-Trattament Ugwali fl-Uffiċċju tal-Kummissarju, u, f'Marzu 2022, is-Sottokomitat tan-NU dwar l-Akkreditazzjoni tal-Alleanza Globali tal-NHRIs żamm ir-rakkomandazzjoni tiegħu li l-istituzzjoni nazzjonali Ungeriża għad-drittijiet tal-bniedem titnaqqas għall-istatus umanitarju. Fil-[Kroazja](#), jeżistu sfidi rigward is-segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsperson u l-monitoraġġ tagħhom, u dwar l-aċċess għall-informazzjoni. S'issa, numru ta' Stati Membri għadhom ma stabbilewx NHRI f'konformità mal-Prinċipji ta' Pariġi tan-NU. Filwaqt li [l-Italja](#), [Malta](#) u [r-Rumanija](#) bdew bil-proċess, ma hemmx tali pjanijiet fiċ-[Ċekja](#)⁹⁰.

Ir-rekord ta' implimentazzjoni tas-sentenzi ewlenin tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) huwa wkoll indikatur importanti għall-funzjonament tal-istat tad-dritt f'pajjiż. Il-kapitoli tal-pajjiżi għalhekk għall-ewwel darba jinkludu indikaturi sistematiċi dwar

kulleġġi tal-imħallfin sabiex tiġi implimentata s-sentenza tal-QĠUE tal-21 ta' Diċembru 2021 u b'hekk tat preċedenza lill-prinċipju tal-primat tad-dritt tal-UE.

⁸⁷ L-istqarrija għall-istampa tal-Kummissjoni IP/21/7070 tat-22 ta' Diċembru 2021. Ara aktar 'il quddiem, it-Taqsima 3.2.

⁸⁸ Il-Prinċipji ta' Pariġi tan-NU, approvati mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fl-1993 (Riżoluzzjoni A/RES/48/134), jistabbilixxu l-kriterji ewlenin li jridu jissodisfaw l-Istituzzjonijiet Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem (National Human Rights Institutions, NHRIs). L-NHRIs jiġu akkreditati perjodikament quddiem is-Sottokomitat għall-Akkreditazzjoni tal-Alleanza Globali tal-Istituzzjonijiet Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem.

⁸⁹ Ir-rakkomandazzjonijiet jikkonċernaw lil HR, NL, PL.

⁹⁰ Ir-rakkomandazzjonijiet jikkonċernaw lil: CZ, IT, LT, MT, PL, RO, SI.

l-implimentazzjoni tas-sentenzi ewlenin tal-QEDB mill-Istati Membri kollha⁹¹. Filwaqt li l-prestazzjoni tvarja bejn l-Istati Membri, b'kollox madwar 40 % tas-sentenzi ewlenin tal-QEDB relatati mal-Istati Membri tal-UE mill-aħħar 10 snin ma ġewx implimentati⁹².

Is-sistema nazzjonali ta' kontrokontrolli fir-rigward tal-użu ta' spyware

F'Lulju 2021, Amnesty International u grupp ta' ġurnalisti investigattivi kixfu kif diversi gvernijiet madwar id-dinja kienu varaw spyware partikolarment intrużiv, magħruf bħala "Pegasus". Fl-UE, il-miri kienu jinkludu ġurnalisti, avukati, politiċi nazzjonali u MPE. Dan is-suġġett gradwalment kiseb importanza matul is-sena li għaddiet⁹³: minkejja r-rabta mas-sigurtà nazzjonali, hemm bżonn ta' sistema nazzjonali ta' kontrokontrolli sabiex jiġi żgurat li jkun hemm salvagwardji fis-seħħ u li jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali. Fl-[Ungerija](#) ġew konklużi l-investigazzjonijiet wara allegazzjonijiet relatati mal-użu tas-software ta' sorveljanza Pegasus kontra avukati u ġurnalisti, filwaqt li hemm tħassib minħabba n-nuqqas ta' superviżjoni ġudizzjarja effettiva fir-rigward tal-użu ta' miżuri ta' sorveljanza sigrieta barra minn proċedimenti kriminali. Fil-[Polonja](#), minkejja allegazzjonijiet relatati mal-użu tal-Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza ekwivalenti, ma tnediet l-ebda investigazzjoni mis-servizz ta' prosekuzzjoni. Fi [Franza](#), l-Uffiċċju tal-Prosekutur ta' Pariġi fetaħ investigazzjoni kriminali dwar l-użu allegat ta' spyware ta' sorveljanza mmirat b'mod partikolari lejn il-ġurnalisti. Fi [Spanja](#), l-użu ta' Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza ekwivalenti kien soġġett għal investigazzjoni mill-Ombudsman u għal proċedura ġudizzjarja. Għalkemm l-Istati Membri huma kompetenti sabiex jiggarrantixxu s-sigurtà nazzjonali tagħhom, jeħtiġilhom japplikaw id-dritt tal-Unjoni rilevanti, inkluża l-ġurisprudenza tal-QĠUE, meta jagħmlu dan. L-istat tad-dritt jirrikjedi li r-rikors għal tali għodod mis-servizzi tas-sigurtà tal-Istati Membri jkun soġġett għal kontroll suffiċjenti li jkun jirrispetta bis-siġħ id-dritt tal-UE, inklużi d-drittijiet fundamentali bħall-protezzjoni tad-*data* personali, is-sikurezza tal-ġurnalisti u l-libertà tal-espressjoni. L-użu ta' mezzi ta' sorveljanza f'investigazzjonijiet kriminali jrid jirrispetta wkoll id-drittijiet proċedurali, inklużi d-drittijiet tal-konvenut. Għalhekk, hija meħtieġa sistema ta' kontrokontrolli istituzzjonali robusta sabiex jiġi ggarantiti l-funzjonament, il-kooperazzjoni u l-kontroll reċiproku tal-organi tal-Istat, sabiex is-setgħa tiġi eżerċitata minn awtorità tal-Istat waħda taħt l-iskrutinju ta' oħrajn.

L-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili bħala atturi essenzjali għall-istat tad-dritt

L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem għandhom rwol essenzjali bħala gwardjani kontra ksur tal-istat tad-dritt u jikkontribwixxu b'mod attiv għat-trawwim tal-istat tad-dritt, tad-demokrazija u tad-drittijiet fundamentali fil-prattika. Id-dritt tal-Unjoni⁹⁴, ikkomplementat bi standards Ewropej⁹⁵, stabbilixxa rekwiżiti ewlenin biex jiġi żgurat l-operat tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili mingħajr interferenza mhux ġustifikata. Meta waslu miljuni ta' nies fl-UE li ħarbu mill-aggressjoni militari tar-Russja, is-

⁹¹ L-adozzjoni tal-miżuri ta' eżekuzzjoni neċessarji għal sentenza mill-QEDB hija ssorveljata mill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa.

⁹² European Implementation Network u Democracy Reporting International, Justice Delayed and Justice Denied: Non-Implementation of European Courts Judgments and the Rule of Law.

⁹³ Il-Parlament Ewropew waqqaf kumitat investigattiv speċifiku ("PEGA") biex jindirizza l-użu tas-software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza "Pegasus" u teknoloġiji simili oħra fl-UE.

⁹⁴ Is-sentenza tat-18 ta' Ġunju 2020, *Il-Kummissjoni vs L-Ungerija*, C-78/18, EU:C:2020:476, il-punti 112 u 113.

⁹⁵ Ara b'mod partikolari r-Rakkomandazzjoni Rec(2007)14 tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-istatus legali tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi fl-Ewropa.

soċjetà ċivili kellha rwol ewlieni fl-akkoljenza tagħhom fl-Istati Membri rispettivi u pprovdiet oġġetti u servizzi essenzjali, inkluż appoġġ psikoloġiku u mediku.

Qegħdin jittieħdu passi sabiex tittiejeb is-sitwazzjoni għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili f'diversi Stati Membri. Fil-[Bulgarija](#) beda jopera Kunsill għall-Iżvilupp tas-Soċjetà Ċivili stabbilit bl-objettiv li jassisti lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Fir-[Rumanija](#), filwaqt li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili qegħdin jiffaċċjaw sfidi, hemm pjanijiet sabiex jiġu ssimplifikati l-proċeduri ta' reġistrazzjoni għall-organizzazzjonijiet mhux governattivi. Fl-[Iżvezja](#), ir-regoli qafas dwar l-operat u l-finanzjament tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili qegħdin jiġu riveduti. F'[Malta](#), ġie indirizzat it-tħassib eżistenti dwar l-aċċess tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għall-finanzjament. Filwaqt li fil-maġġoranza tal-Istati Membri, hemm ambjent favorevoli u ta' appoġġ għas-soċjetà ċivili u l-ispazju tas-soċjetà ċivili għadu meqjus bħala "miftuħ"⁹⁶, f'xi Stati Membri l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għadhom jiffaċċjaw sfidi. Dawn jistgħu jinkludu proċeduri ta' reġistrazzjoni onerużi, diffikultajiet fl-aċċess għall-finanzjament, leġiżlazzjoni restrittiva u protezzjoni mhux adegwata kontra attakki u theddid, inklużi SLAPP u kampanji ta' malafama. Fl-[Irlanda](#) għad hemm ostakli legali għall-finanzjament tas-soċjetà ċivili u fil-[Ġermanja](#) r-reġim għall-istatus ta' eżentati mit-taxxa tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għadu ta' tħassib, għalkemm dan jista' jiġi indirizzat fir-riformi li ġejjin. Fis-[Slovenja](#), is-soċjetà ċivili affaċċjat sfidi fir-rigward ta' narrattivi negattivi, filwaqt li ġew indirizzati kwistjonijiet marbutin mal-finanzjament u mal-limitazzjonijiet fuq il-libertà ta' għaqda. Fiċ-[Ċekja](#) jeżisti xi tħassib dwar l-aċċess tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għall-finanzjament pubbliku filwaqt li fis-[Slovakkja](#) l-iskemi ta' sussidji pubbliċi għadhom jeskludu organizzazzjonijiet li jaħdmu fuq kwistjonijiet relatati mal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u mad-drittijiet tal-LGBTIQ. F'[Ċipru](#), il-Gvern ħa azzjoni sabiex jassisti aħjar lis-soċjetà ċivili u sabiex itejjeb il-komunikazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi. Il-proċeduri ta' reġistrazzjoni għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għadhom kumplessi fl-[Italja](#). Fil-[Greċja](#), xi rekwiżiti ta' reġistrazzjoni għadhom jitqiesu sproporzjonati, filwaqt li rieżami tal-leġiżlazzjoni eżistenti huwa pendenti quddiem il-Kunsill tal-Istat. Fi [Spanja](#), il-Parlament qiegħed jaħdem fuq ir-riforma tal-Liġi dwar is-Sigurtà taċ-Ċittadini wara t-tħassib li tqajjem rigward il-liġi inkluż mis-soċjetà ċivili. Fi [Franza](#), għalkemm ġew adottati liġijiet ġodda biex itejbu l-ambjent finanzjarju għall-assoċjazzjonijiet, għadd ta' partijiet ikkonċernati qajmu tħassib rigward l-impatt tal-Liġi dwar il-prinċipji repubblikani fuq l-ispazju ċiviku⁹⁷.

F'xi Stati Membri, ir-restrizzjonijiet sistematiċi komplew jaggravaw il-kapaċità tas-soċjetà ċivili li topera b'effett dissważiv potenzjali. Fil-[Polonja](#), l-ispazju ċiviku kompli jiddeterjora u l-abbozz reċenti ta' leġiżlazzjoni jista' jkollu impatt negattiv addizzjonali. Fl-[Ungerija](#), is-soċjetà ċivili indipendenti għadha taħt pressjoni u l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw il-komunità LGBTIQ irrapportaw li sfaw fil-mira ta' kampanji ta' malafama mill-Gvern, filwaqt li r-rwol tal-Istat fil-finanzjament tas-soċjetà ċivili jqajjem mistoqsijiet⁹⁸.

⁹⁶ Skont il-klassifikazzjoni mogħtija minn CIVICUS (organizzazzjoni mhux governattiva). Il-klassifikazzjonijiet huma fuq skala ta' ħames kategoriji ddefiniti bħala: miftuħ, dejjaq, ostakolat, imrażżan u magħluq. Meta mqabbla mal-2021, żewġ Stati Membri niżlu fl-iskala minn "miftuħ" għal "dejjaq" u wieħed naqas għal "ostakolat".

⁹⁷ Ir-rakkomandazzjonijiet jikkonċernaw DE, IE, EL, SE.

⁹⁸ Ir-rakkomandazzjonijiet jikkonċernaw lil HU, PL.

3. ŻVILUPPI U AZZJONIJIET FIL-LIVELL TAL-UE

3.1 Djalogu u segwitu għar-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt

Djalogu interistituzzjonali

Il-Kunsill kompla l-prattika li jorganizza d-djalogu annwali tiegħu dwar l-istat tad-dritt fuq il-bażi tar-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt. F'Settembru 2021, il-Presidenza tal-Kunsill organizzat diskussjoni orizzontali dwar l-iżviluppi ġenerali tal-istat tad-dritt fil-Kunsill Affarijiet Ġenerali. Il-Kunsill Affarijiet Ġenerali kellu wkoll diskussjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, li jiffokaw fuq l-iżviluppi rilevanti enfasizzati fil-kapitolu tal-pajjiż tar-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt, f'Novembru 2021⁹⁹ u April 2022¹⁰⁰. Diskussjonijiet immirati dwar suġġetti relatati mal-istat tad-dritt seħħew ukoll fil-Kunsill tal-Ġustizzja, fejn il-Ministri skambjaw fehmiet dwar l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-funzjonament tal-qrati f'Diċembru 2021, u ddiskutew il-kwistjoni tal-aċċess għal avukat u l-istat tad-dritt f'Marzu 2022. L-Istati Membri wrew interess ċar li jaqsmu l-iżviluppi u l-aħjar prattiki u li jikkontribwixxu għall-prevenzjoni tal-problemi b'mod inklużiv u kostruttiv.

Il-Parlament Ewropew kompla jorganizza dibattiti dwar l-istat tad-dritt. Minn Lulju 2021 'l hawn adotta diversi risoluzzjonijiet dwar l-istat tad-dritt u dwar kwistjonijiet aktar speċifiċi bħal-libertà tal-media u s-soċjetà ċivili¹⁰¹. Il-Parlament adotta wkoll risoluzzjoni speċifika dwar ir-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt¹⁰², filwaqt li laqa' b'mod partikolari l-impenn li jiġu inklużi rakkomandazzjonijiet speċifiċi lill-Istati Membri. Ir-risoluzzjoni tenniet ir-rakkomandazzjonijiet maħruġin qabel, b'mod partikolari dwar il-ħtieġa li jiġu identifikati għodod li jistgħu jintużaw jekk ma jiġux indirizzati xi nuqqasijiet, kif ukoll l-appoġġ tal-Parlament għal ftehim interistituzzjonali dwar Mekkaniżmu tal-UE dwar id-Demokrazija, l-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet Fundamentali. Il-Kummissjoni tapprezza l-kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew u għamlitha ċara li l-kooperazzjoni interistituzzjonali għandha rwol ċentrali fit-tisħiħ tal-kapaċità tal-UE li timmonitorja u żżomm l-istat tad-dritt. Id-deċiżjoni li jiġu inklużi rakkomandazzjonijiet fir-rapport tal-2022 twieġeb ukoll għal sejħa mill-Parlament Ewropew.

Il-Parlament Ewropew organizza wkoll dibattiti speċifiċi għall-pajjiżi, b'mod partikolari fil-Grupp ta' Monitoraġġ tad-Demokrazija, tal-Istat tad-Dritt u tad-Drittijiet Fundamentali tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) tal-Parlament Ewropew. Il-Grupp ta' Monitoraġġ wettaq missjonijiet ta' monitoraġġ fil-Bulgarija, f'Malta, fis-Slovakkja u fis-Slovenja u kellu diskussjonijiet dwar is-sejbiet tiegħu. Minbarra dibattitu dwar is-supremazija tad-dritt tal-UE, il-Parlament Ewropew adotta wkoll risoluzzjoni li titlob biex

⁹⁹ Id-diskussjoni ffokat fuq l-iżviluppi ewlenin fil-Kroazja, fl-Italja, f'Ċipru, fil-Latvja u fil-Litwanja.

¹⁰⁰ Id-diskussjoni ffokat fuq żviluppi ewlenin fil-Lussemburgu, fl-Ungerija, f'Malta, fin-Netherlands u fl-Awstrija.

¹⁰¹ Ir-risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Marzu 2022 dwar l-istat tad-dritt u l-konsegwenzi tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, P9_TA(2022)0074; Ir-risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Marzu 2022 dwar l-ispazju jiċkien tas-soċjetà ċivili fl-Ewropa, P9_TA(2022)0056; tas-16 ta' Diċembru 2021 dwar id-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt fis-Slovenja, b'mod partikolari d-dewmien fin-nomina ta' prosekuturi tal-UPPE, P9_TA(2021)0512; tal-15 ta' Diċembru 2021 dwar l-impatt tal-kriminalità organizzata fuq ir-riżorsi proprji tal-UE u fuq l-użu ħażin tal-fondi tal-UE b'enfasi partikolari fuq il-ġestjoni kondiviża minn perspettiva ta' awditjar u kontroll, P9_TA(2021)0501; tal-11 ta' Novembru 2021 dwar it-tisħiħ tad-demokrazija u tal-libertà u l-pluraliżmu tal-media fl-UE: l-użu indebitu ta' azzjonijiet fl-ambitu tad-dritt ċivili u kriminali biex jissiktu l-ġurnalisti, l-NGOs u s-soċjetà ċivili, P9_TA(2021)0451.

¹⁰² Ir-risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Mejju 2022 dwar ir-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt tal-2021 (P9_TA(2022)0212).

tittieħed aktar azzjoni biex jiġi indirizzat it-tfassib dwar l-istat tad-dritt fil-Polonja u fl-Ungerija¹⁰³.

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE), permezz tal-Grupp *Ad Hoc* tiegħu dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-Istat tad-Dritt¹⁰⁴, u l-Kumitat tar-Reġjuni, permezz tal-Kummissjoni tiegħu għaċ-Ċittadinanza, il-Governanza u l-Affarijiet Istituzzjonali u Esterni¹⁰⁵, komplew jiddibattu l-istat tad-dritt fil-livell tal-UE. F'Novembru 2021, il-KESE organizza konferenza ffokata fuq il-kontribut tas-soċjetà ċivili għall-Mekkaniżmu tal-Istat tad-Dritt.

Djalogu mal-awtoritajiet u mal-partijiet ikkonċernati fl-Istati Membri

Il-Kummissjoni kompliet is-sensibilizzazzjoni tagħha fil-livell nazzjonali fl-Istati Membri. Saru laqgħat bilaterali kemm fil-livell politiku kif ukoll f'dak tekniku sabiex jiġu diskussi riformi ewlenin bħala segwitu għar-Rapport tal-2021. Il-parlamenti nazzjonali għandhom rwol kruċjali fiż-żamma tal-istat tad-dritt, kemm bħala leġiżlaturi kif ukoll biex i-eżekuttiv jinżamm responsabbli, u d-diskussjonijiet b'segwitu għar-Rapport tal-2021 kienu tema importanti taż-żjarat tal-Kummissarji fil-parlamenti nazzjonali¹⁰⁶.

In-network tal-punti ta' kuntatt dwar l-istat tad-dritt jipprovdi mezz miftuħ għal skambju regolari bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri. In-network kompli jiltaqa' fuq bażi regolari sabiex iħejji r-Rapport annwali dwar l-Istat tad-dritt u qiegħed jaġixxi dejjem aktar bħala forum għall-iskambju tal-aħjar Prattika u għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar ir-riformi ppjanati jew li għaddejjin fil-livell nazzjonali.

Il-Kummissjoni se tkompli tintegra d-djalogu mal-partijiet ikkonċernati u mal-awtoritajiet fl-Istati Membri, anki b'enfasi fuq is-segwitu għar-rakkomandazzjonijiet li jinsabu f'dan ir-rapport.

Id-djalogu mas-soċjetà ċivili u l-appoġġ għaliha fil-livell tal-UE

Is-soċjetà ċivili tibqa' sieħeb ewleni għall-Kummissjoni Ewropea fit-tħejjija tar-Rapport annwali dwar l-Istat tad-Dritt. Minbarra l-għadd kbir ta' kontributi bil-miktub li waslu mis-soċjetà ċivili u l-laqgħat li saru bħala parti miż-żjarat tal-pajjiżi, il-Kummissjoni organizza ukoll laqgħat orizzontali ma' għadd ta' networks ewlenin ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u interlokuturi ewlenin oħra¹⁰⁷. Dawn in-networks għamlu rakkomandazzjonijiet

¹⁰³ Ir-risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Mejju 2022 dwar is-seduti ta' smiġ li għaddejjin bħalissa skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE fir-rigward tal-Polonja u l-Ungerija, P9_TA(2022)0204; Mill-20 ta' Lulju 2021, il-Parlament Ewropew adotta tliet risoluzzjonijiet b'kollox dwar l-istat tad-dritt fil-Polonja u fl-Ungerija: ir-risoluzzjoni tal-21 ta' Ottubru 2021 dwar il-kriżi tal-istat tad-dritt fil-Polonja u l-preċedenza tad-dritt tal-UE, P9_TA(2021)0439; tas-16 ta' Settembru 2021 dwar il-libertà tal-media u d-deterjorament ulterjuri tal-istat tad-dritt fil-Polonja, P9_TA(2021)0395; tat-8 ta' Lulju 2021 dwar ksur tal-liġi tal-UE u tad-drittijiet taċ-ċittadini LGBTIQ fl-Ungerija b'riżultat tal-bidliet legali adottati mill-Parlament Ungeriż, P9_TA(2021)0362.

¹⁰⁴ Il-Grupp *Ad Hoc* dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-Istat tad-Dritt huwa korp orizzontali fi ħdan il-KESE li jipprovdi forum għall-organizzazzjonijiet Ewropej tas-soċjetà ċivili sabiex jiltaqgħu u jaqsmu l-valutazzjoni tagħhom dwar l-istat tad-drittijiet fundamentali, id-demokrazija u l-istat tad-dritt fl-Istati Membri.

¹⁰⁵ Il-mandat tal-Kummissjoni CIVEX jinkludi l-Affarijiet Kostituzzjonali, u l-Governanza, ir-Regolamentazzjoni Aħjar, is-Sussidjarjetà u l-Proporzjonalità.

¹⁰⁶ Ir-Rapport Annwali tal-2021 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità u dwar ir-relazzjonijiet mal-parlamenti nazzjonali.

¹⁰⁷ In-Network dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija, l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali, in-Network Ewropew għall-Istituzzjonijiet Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem u Civil Society Europe.

konġunti dwar il-proċess għar-rapport dwar l-istat tad-dritt¹⁰⁸. Is-soċjetà ċivili jista' jkollha wkoll rwol importanti fis-segwitu tar-rapport, u l-Kummissjoni tfitteż it-tali segwitu mas-soċjetà ċivili fil-livell nazzjonali f'kooperazzjoni mar-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni u mal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali.

Permezz tal-programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (CERV), il-Kummissjoni saħħet l-isforzi sabiex tappoġġa lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari lil dawk iżgħar u lokali li qegħdin jiffaċċjaw restrizzjonijiet partikolari. Mill-baġit disponibbli tal-programm (EUR 1,55 biljun), kważi terz huwa riżervat speċifikament għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, b'tal-anqas 40 % ta' dan l-ammont allokati lill-organizzazzjonijiet lokali u reġjonali tas-soċjetà ċivili. Minbarra l-appoġġ għal proġetti speċifiċi, huma previsti wkoll għotjiet sabiex jiġi appoġġat il-bini tal-kapaċità tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u jiġu ffinanzjati l-ispejjeż operatorji u l-iżvilupp tagħhom.

Il-Kummissjoni għadha impenjata li tikkunsidra kif iżżid l-involviment tas-soċjetà ċivili, tan-networks professjonali u ta' partijiet ikkonċernati oħrajn fid-dibattitu dwar l-istat tad-dritt fil-livell nazzjonali u tal-UE. Dan japplika kemm għat-tnejn tar-rapport kif ukoll għas-segwitu tiegħu. B'mod aktar ġenerali, u bħala segwitu tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, il-Kummissjoni tikkunsidra modi kif twessa' l-ambitu tal-ħidma tagħha dwar l-istat tad-dritt sabiex tinvolvi liċ-ċittadini b'mod aktar dirett.

3.2. Kooperazzjoni internazzjonali

L-istat tad-dritt huwa prinċipju gwida importanti għall-azzjoni tal-UE lil hinn mill-fruntieri tagħha. L-istat tad-dritt huwa ċentrali għall-azzjoni tal-UE fil-livell globali, fejn il-ħidma mas-sħab sabiex jiproteġu u jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem u jsaħħu d-demokrazija madwar id-dinja hija prijorità. L-UE u l-Istati Membri tagħha huma l-akbar donatur globali ta' appoġġ għad-demokrazija. L-invażjoni Russa tal-Ukrajna tenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu l-azzjonijiet tagħna sabiex nipromwovu u niddefendu l-valuri tagħna, sabiex immexxu bl-eżempju u sabiex naħdmu mas-sħab internazzjonali tagħna, bħal pereżempju fil-fora tan-NU u tal-Kunsill tal-Ewropa. Il-Kummissjoni u bosta Stati Membri kkontribwew għall-impenji tas-Summit għad-Demokrazija ospitat mill-President tal-Istati Uniti għall-promozzjoni tal-valuri demokratiċi madwar id-dinja, u issa jinsabu fuq quddiem fl-isforzi matul is-Sena ta' Azzjoni biex jimplementawhom.

L-UE hija difensur qawwi tad-drittijiet tal-bniedem, tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt madwar id-dinja, kif jixhed il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024¹⁰⁹, u f'konformità mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli¹¹⁰. Fil-viċinat immedjat, ir-rekwiżiti ewlenin għas-sħubija fl-UE stabbiliti fil-“kriterji ta' Copenhagen” jinkludu l-istat tad-dritt, li huwa essenzjali għall-pajjiżi kandidati u għall-kandidati potenzjali sabiex iwettqu l-perspettiva Ewropea tagħhom, u għall-metodoloġija riveduta ta' tkabbir, li tqiegħed l-istat tad-dritt fil-qalba tal-proċess ta' adeżjoni. L-UE se tkompli ssegwi approċċ koerenti fil-kooperazzjoni tagħha mal-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali u mal-pajjiżi fil-viċinat kif ukoll fl-azzjoni esterna kollha tagħha, fil-livell bilaterali, reġjonali u multilaterali. L-UE tindirizza kwistjonijiet dwar l-istat tad-dritt b'mod

¹⁰⁸ [Civil society recommendations: how the Commission can improve the credibility, inclusiveness and impact of the Rule of Law Report, European Partnership for Democracy.](#)

¹⁰⁹ [Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024.](#)

¹¹⁰ [Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.](#)

regolari fid-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem ma' pajjiżi sħab u fil-livell multilaterali, b'mod partikolari n-Nazzjonijiet Uniti.

Id-difiża tal-istat tad-dritt fil-livell globali tinkludi t-tisħiħ tal-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet tal-istat tad-dritt ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali¹¹¹. L-istat tad-dritt, id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem jibqgħu prijoritajiet ewlenin għall-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Kunsill tal-Ewropa¹¹². F'dan il-kuntest, l-UE gēddet l-impenn tagħha li tipproteġi u tippromwovi soċjetà ċivili indipendenti, filwaqt li tipproteġi wkoll lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u lill-media ħielsa. L-impenn tal-UE li tirrispetta, tipproteġi u tissodisfa d-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt b'mod konsistenti u koerenti fl-oqsma kollha tal-azzjoni esterna tagħha u li tappoġġa s-sistema tad-drittijiet tal-bniedem tan-NU bħala pedament tal-azzjoni esterna tagħha huwa wkoll prinċipju gwida importanti għall-parteċipazzjoni tal-UE fil-fora tan-NU. L-organizzazzjonijiet internazzjonali, b'mod partikolari l-korpi ewlenin tal-Kunsill tal-Ewropa¹¹³, għadhom sħab importanti fit-tħejjija tar-Rapport u għad-difiża tal-istat tad-dritt fl-Ewropa, u l-Kummissjoni se tibqa' tikkoopera magħhom mill-qrib.

Il-Kummissjoni għandha l-għan li ssaħħaħ aktar dan l-element ewleni fil-ħidma tagħha dwar l-istat tad-dritt, filwaqt li tibni fuq ir-relazzjonijiet mill-qrib tagħha mal-Kunsill tal-Ewropa u korpi internazzjonali oħrajn.

3.3 Azzjoni tal-UE sabiex jiġi rrispettat l-istat tad-dritt

Ir-Rapport annwali dwar l-Istat tad-Dritt huwa mekkaniżmu preventiv, immirat lejn it-tijib tas-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt madwar l-UE, is-sensibilizzazzjoni dwar l-isfidi u l-iffaċilitar ta' soluzzjonijiet kmieni sabiex jiġi evitat id-deterjorament. Jikkomplementa numru ta' mekkaniżmi u ta' strumenti oħrajn fil-livell tal-UE, kull wieħed bl-iskop tiegħu stess. Din it-taqsimha tinkludi ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet u l-mekkaniżmi rilevanti.

Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) dwar l-istat tad-dritt komplet tikkonsolida. Il-QĠUE ddeċidiet dwar numru ta' talbiet għal deċiżjonijiet preliminari mressqin mill-qrati nazzjonali. F'sentenza tas-6 ta' Ottubru 2021¹¹⁴, il-QĠUE ċċarat it-tliet tipi ta' sitwazzjonijiet li fihom qorti nazzjonali tal-aħħar istanza tista' toqgħod lura milli tippreżenta talba għal deċiżjoni preliminari lill-QĠUE fejn titqajjem kwistjoni dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-UE quddiemha¹¹⁵. F'kawża oħra, il-QĠUE ddeċidiet li d-dritt tal-UE jipprekludi qorti suprema nazzjonali milli tiddikjara talba għal deċiżjoni preliminari illegali minħabba li d-domandi preliminari ma jkunux rilevanti jew meħtieġa¹¹⁶. Il-QĠUE

¹¹¹ Bħan-Nazzjonijiet Uniti, il-Kunsill tal-Ewropa, l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) u l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE).

¹¹² [Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-prijoritajiet tal-UE għall-kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa 2020-2022](#).

¹¹³ Il-Kummissjoni ta' Venezja, il-Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni (GRECO), l-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa (PACE), il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB).

¹¹⁴ Is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2021, *Consorzio Italian Management u Catania Multiservizi*, C-561/19, ECLI:EU:C:2021:799.

¹¹⁵ Fil-kawża *Cilfit*, il-Qorti stabbiliet tliet sitwazzjonijiet fejn il-qrati jew it-tribunali nazzjonali tal-aħħar istanza ma humiex obbligati jwettqu rinviju għal deċiżjoni preliminari (is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 1982, *Cilfit et*, 283/81, ECLI:EU:C:1982:335): (i) il-mistoqsija tkun irrilevanti għas-soluzzjoni tat-tilwima; (ii) id-dispozzjoni tal-liġi tal-UE inkwistjoni diġà tkun ġiet interpretata mill-Qorti; u (iii) l-interpretazzjoni korretta tad-dritt tal-Unjoni tant tkun ovvja li ma jitħalla l-ebda lok għal xi dubju raġonevoli. Min-naħa l-oħra, jekk il-mistoqsija dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni ma tinvolvi l-ebda waħda minn dawk is-sitwazzjonijiet, il-qorti jew it-tribunal tal-aħħar istanza jridu jippreżentaw il-kwistjoni quddiem il-Qorti.

¹¹⁶ Is-sentenza tat-23 ta' Novembru 2021 fil-kawża *IS*, C-564/19, ECLI:EU:C:2021:949.

ddikjarat ukoll li, bis-saħħa tal-primat tad-dritt tal-UE, il-qrati nazzjonali ma għandhomx jiġu pprevenuti, minħabba riskju ta' sanzjonijiet dixxiplinari, milli ma japplikawx deċiżjonijiet ta' Qorti Kostituzzjonali li jmorru kontra d-dritt tal-UE¹¹⁷.

Il-QĠUE kompliet teżamina każijiet ta' ksur imressqin quddiemha mill-Kummissjoni. Meta l-miżuri *interim* tal-QĠUE ma ġewx osservati, il-Kummissjoni talbet lill-QĠUE timponi penali finanzjarji¹¹⁸. Il-Kummissjoni kompliet teżerċita r-rwol tagħha bħala gwardjan tat-trattati tal-UE billi fetħet proċeduri ta' ksur fejn rilevanti biex tindirizza ksur speċifiku tal-istat tad-dritt¹¹⁹.

Il-proċedura għaż-żamma tal-valuri komuni tal-UE stabbiliti fl-Artikolu 7 tat-TUE tkompli fil-Kunsill fir-rigward tal-[Polonja](#) u tal-[Ungerija](#). Din il-proċedura tippermetti lill-Kunsill jiddetermina l-eżistenza ta' riskju ċar ta' ksur serju tal-valuri tal-Unjoni u s-segwitu għal tali riskji. Il-Kunsill sema' [l-Polonja](#) fi Frar 2022 u [l-Ungerija](#) f'Mejju 2022 u f'Diċembru 2021 evalwa s-sitwazzjoni attwali ġenerali fir-rigward taż-żewġ Stati Membri¹²⁰.

Ir-rispett għall-istat tad-dritt jibqa' prekondizzjoni fundamentali għall-ġestjoni xierqa tal-fondi tal-UE. Ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità Ġenerali¹²¹ għandu l-għan li jipproteġi l-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni u l-interessi finanzjarji tal-Unjoni kontra ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt. Il-Kummissjoni ilha timmonitorja s-sitwazzjoni fl-Istati Membri kollha minn meta beda japplika r-Regolament dwar il-Kundizzjonalità Ġenerali fl-1 ta' Jannar 2021 u adottat linji gwida dwar l-applikazzjoni tiegħu¹²². Fis-sentenza tagħha tas-16 ta' Frar 2022, il-QĠUE¹²³ kkonfermat il-konformità tar-regolament mat-Trattati tal-UE. F'April 2022, il-Kummissjoni fetħet għall-ewwel darba l-proċedura formali skont ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità Ġenerali fir-rigward tal-Ungerija¹²⁴.

Qafas relatat għall-protezzjoni ta' diversi fondi tal-UE huwa r-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni¹²⁵, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2021. Jirrikjedi li l-Istati Membri jistabbilixxu, bħala parti mill-“kundizzjonijiet abilitanti orizzontali”, mekkaniżmi effettivi sabiex jiżguraw il-konformità tal-programmi appoġġati mill-Fondi u l-implimentazzjoni tagħhom mad-drittijiet u mal-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, inkluż id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust minn tribunal indipendenti u imparzjali stabbilit preċedentement mil-liġi. L-Istati Membri jridu jiżguraw li l-kundizzjoni abilitanti

¹¹⁷ Is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2021, *Euro Box Promotion et*, kawżi magħquda C-357/19, C-379/19, C-547/19, C-811/19 u C-840/19.

¹¹⁸ Fis-27 ta' Ottubru 2021, il-Qorti tal-Ġustizzja imponiet EUR 1 miljun bħala pagamenti ta' penali ta' kuljum fuq il-Polonja sakemm l-ordni ta' miżuri *interim* tal-14 ta' Lulju 2021, li jirrigwardaw b'mod partikolari l-funzjonament tal-awla dixxiplinari tal-Qorti Suprema Pollakka, ma tiġix osservata fl-intier tagħha.

¹¹⁹ B'mod partikolari, fit-22 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni ddeċidiet li tnedi proċedura ta' ksur kontra l-Polonja minħabba tħassib serju fir-rigward tat-Tribunal Kostituzzjonali Pollakk u l-ġurisprudenza reċenti tiegħu li tikkontesta s-supremazija tad-dritt tal-UE.

¹²⁰ Il-Kummissjoni fetħet proċedimenti skont l-Artikolu 7 tat-TUE kontra l-Polonja fl-2017 u l-Parlament Ewropew għamel dan fil-konfront tal-Ungerija fl-2018.

¹²¹ Ir-Regolament 2020/2092 tas-16 ta' Diċembru 2020, ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 1.

¹²² C(2022) 1382 final. Linji gwida dwar l-applikazzjoni tar-reġim ġenerali tar-regolament dwar il-kundizzjonalità.

¹²³ Ara l-kawżi C-156/21 u C-157/21. Fis-16 ta' Frar 2022, il-QĠUE qatgħet is-sentenzi tagħha u ċaħdet l-azzjonijiet ippreżentati mill-Polonja u mill-Ungerija għall-annullament tar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità Ġenerali.

¹²⁴ Fis-27 ta' April 2022, il-Kummissjoni tat bidu għall-ewwel darba għall-pass tal-proċedura skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità Ġenerali.

¹²⁵ Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-24 ta' Ġunju 2021.

orizzontali tiġi ssodisfata meta jkunu qegħdin iħejju programm u li din tibqa' ssodisfata matul il-perjodu ta' programmazzjoni.

Numru ta' kwistjonijiet relatati mal-istat tad-dritt – b'mod partikolari fir-rigward tal-effettività tas-sistemi tal-ġustizzja, tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni u tal-kwalità u tal-inklużività tal-proċess tat-tfassil ta' liġijiet - huma wkoll parti mis-Semestru Ewropew sal-punt li daww l-aspetti huma ta' rilevanza makroekonomika u għandhom impatt fuq l-ambjent tan-negozju, fuq l-investment, fuq it-tkabbir ekonomiku u fuq l-impjiegi. Sabiex tindirizza numru ta' rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż skont is-Semestru permezz ta' riformi konkreti għall-istat tad-dritt u permezz ta' investimenti, il-Kummissjoni ddiskutiet u qablet ma' diversi Stati Membri dwar objettivi intermedji konkreti fil-qafas tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF), li sussegwentement ġew approvati formalment mill-Kunsill.

Fil-Pakkett tar-Rebbiegħa tas-Semestru Ewropew tal-2022, il-Kummissjoni pproponiet lill-Kunsill rakkomandazzjonijiet addizzjonali għal żewġ Stati Membri relatati mal-istat tad-dritt¹²⁶. Il-Kummissjoni qed tipprovdi wkoll appoġġ tekniku lill-Istati Membri, b'mod partikolari permezz tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku, biex titjeb l-effiċjenza, il-kwalità u l-indipendenza tal-amministrazzjoni pubblika u tas-sistemi tal-ġustizzja. Il-Kummissjoni tkompli tippromwovi r-riforma ġudizzjarja permezz tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja annwali tal-UE¹²⁷. It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE 2022 tinkludi għall-ewwel darba *data* ta' sħarriġ dwar kif il-kumpaniji jipperċepixxu l-effettività tal-protezzjoni tal-investment fi Stati Membri differenti¹²⁸. Ir-riżultati jissuġġerixxu li l-imġiba amministrattiva, l-istabbiltà u l-kwalità tal-proċess ta' tfassil tal-liġijiet, kif ukoll l-effettività tal-qrati u l-protezzjoni tal-proprjetà, huma fatturi ewlenin ta' sinifikat komparabbli għall-fiduċja fil-protezzjoni tal-investment. Is-Semestru Ewropew u t-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja huma komplementari għar-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt u t-tnejn li huma jikkontribwixxu għar-rapport, fejn rilevanti.

Il-libertà tal-media u l-pluraliżmu tal-media saru qasam importanti ta' azzjoni fil-livell tal-UE. Il-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea u l-Pjan ta' Azzjoni Medjatiku u Awdjoviżiv tal-2020 ħabbru sensiela ta' inizjattivi sabiex jappoġġaw u jissalvagwardjaw il-libertà u l-pluraliżmu tal-media. F'Settembru 2021 il-Kummissjoni ppreżentat Rakkomandazzjoni lill-Istati Membri dwar is-sikurezza tal-ġurnalisti¹²⁹. F'April 2022, il-Kummissjoni adottat pakkett ta' miżuri biex tiproteġi lill-ġurnalisti u l-organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili kontra l-litigazzjoni abbużiva (SLAPP)¹³⁰. Il-Kummissjoni qiegħda tnejn wkoll Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media.

¹²⁶ [Is-Semestru Ewropew 2022: Il-pakkett tar-rebbiegħa.](#)

¹²⁷ It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE 2022 ġiet ippubblikata fid-19 ta' Mejju 2022: [It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja.](#)

¹²⁸ Il-Figuri 54 u 55, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE 2022.

¹²⁹ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-iżgurar tal-protezzjoni, is-sikurezza u l-ġoti tas-setgħa lill-ġurnalisti u professjonisti oħra tal-media fl-Unjoni Ewropea, C(2021) 6650 final, 16.9.2021.

¹³⁰ Proposta għal Direttiva dwar il-protezzjoni ta' persuni li jinvolvu ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika minn proċedimenti ġudizzjarji manifestament infondati jew abbużivi ("Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika"), COM(2022) 177 final, 27.4.2022 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-protezzjoni tal-ġurnalisti u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jinvolvu ruħhom fil-parteċipazzjoni pubblika minn proċedimenti tal-qorti manifestament bla bażi jew abbużivi ("Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika"), C(2022) 2428, 27.4.2022.

4. KONKLUŻJONIJIET U L-PASSI LI JMISS

L-istat tad-dritt huwa fundamentali għal ambjent politiku, ekonomiku u soċjali stabbli, reżiljenti, ġust u demokratiku fl-UE. Huwa essenzjali għal Suq Uniku li jiffunzjona sew u għall-Unjoni kollha kemm hi. Huwa wkoll riflessjoni tal-aspirazzjonijiet u l-valuri Ewropej, minqax fl-Artikolu 2 tat-Trattat. Il-Kummissjoni hija impenjata li tiproteġi u tippromwovi l-istat tad-dritt, bħala garanti tat-Trattati tal-UE u tas-supremazija tad-dritt tal-UE. Unjoni Ewropea vibranti u li tħares 'il quddiem fi tranżizzjoni lejn soċjetà aktar ekoloġika, aktar diġitali u aktar soċjalment ġusta jeħtieġ li tkompli tinbena fuq pedamenti sodi. L-invażjoni Russa tal-Ukrajna hija tfakkira tal-pressjoni fuq il-valuri tal-UE għeżież tagħna. Il-protezzjoni taċ-ċittadini tagħna u d-drittijiet tagħhom teħtieġ difiża determinata u konsistenti tal-istat tad-dritt fl-UE.

Ir-Rapport annwali dwar l-Istat tad-Dritt huwa parti importanti mill-isforzi għall-promozzjoni u għas-salvagwardja tal-istat tad-dritt fl-UE, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak Ewropew. Fuq il-bażi ta' involviment u ta' kooperazzjoni kontinwi mal-Istati Membri, ir-Rapport ta' din is-sena juri li f'ħafna Stati Membri komplew isiru riformi importanti għall-istat tad-dritt sabiex jiġu indirizzati l-isfidi identifikati fl-edizzjonijiet preċedenti. Madankollu, għad hemm tħassib importanti f'xi Stati Membri.

B'din it-tielet edizzjoni, ir-rapport dwar l-Istat tad-Dritt u ċ-ċiklu sussegwenti ta' diskussjonijiet mal-Istati Membri, li jinkludu l-parlamenti nazzjonali, il-Parlament Ewropew, u l-Kunsill huma eżerċizzju ferm stabblit. F'konformità man-natura preventiva tar-rapport, ir-rakkomandazzjonijiet inklużi għall-ewwel darba din is-sena jfittxu li jappoġġaw lill-Istati Membri fir-riformi tagħhom. F'xi każijiet, ir-rakkomandazzjonijiet jiggwidaw lill-Istati Membri jieħdu miżuri sabiex jindirizzaw tħassib partikolari mqajjem fir-Rapport.

Il-Kummissjoni ħejjiet dan ir-rapport fuq il-bażi ta' djalogu kontinwu mal-Istati Membri, filwaqt li ppreservat bis-sħiħ ir-responsabbiltà politika għall-valutazzjoni tagħha u għar-rakkomandazzjonijiet maħruġin. L-edizzjoni li jmiss se tagħti segwitu għall-iżviluppi u se tivvaluta l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet.

Fil-bidu ta' ċiklu annwali ġdid ta' djalogu dwar l-istat tad-dritt, il-Kummissjoni tistieden lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew sabiex ikomplu jżommu dibattiti ġenerali u speċifiċi għall-pajjiżi fuq il-bażi ta' dan ir-rapport, anke bl-użu tal-opportunità tar-rakkomandazzjonijiet sabiex tiġi indirizzata aktar l-implimentazzjoni konkreta. Il-Kummissjoni tilqa' wkoll dibattitu ulterjuri fil-livell nazzjonali, li jinvolvi lill-parlamenti nazzjonali, lis-soċjetà ċivili u lil atturi importanti oħrajn, iżda anki fil-livell Ewropew, b'involviment akbar taċ-ċittadini. Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri jindirizzaw b'mod effettiv l-isfidi identifikati fir-Rapport u tinsab lesta li tassisti lill-Istati Membri fl-isforzi sabiex jimplementaw ir-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport.